IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 356 final

ANNEX 5

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj, u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj min-naħa l-oħra

ANNESS 11-A

NOTI INTRODUTTORJI GĦAR-REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

Nota 1

Prinċipji ġenerali

1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-regoli ġenerali għar-rekwiżiti applikabbli tal-Anness 11-B previsti fil-punt (c) tal-Artikolu 11.2(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 11.2(2).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u l-Anness 11-B, ir-rekwiżiti biex prodott ikun oriġinarju f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 11.2(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 11.2(2) huma bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja, proċess tal-produzzjoni, valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji jew kwalunkwe rekwiżit ieħor speċifikat f'dan l-Anness u fl-Anness 11-B.

3. Ir-referenza għall-piż f'regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tfisser il-piż nett, li huwa l-piż ta' materjal jew prodott, li ma jinkludix il-piż tal-imballaġġ.

4. Dan l-Anness u l-Anness 11-B huma bbażati fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017.

Nota 2

Struttura tal-Anness 11-B

1. In-noti dwar it-taqsimiet, il-kapitoli, l-intestaturi jew is-subintestaturi għandhom jinqraw flimkien mar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għat-taqsima, il-kapitolu, l-intestatura jew is-subintestatura rilevanti.

2. Kull regola tal-oriġini speċifika għall-prodott stabbilita fil-Kolonna 2 tal-Anness 11-B tapplika għall-prodott korrispondenti identifikat fil-Kolonna 1 tal-Anness 11-B.

3. Jekk prodott ikun soġġett għal regoli tal-oriġini alternattivi speċifiċi għall-prodott, il-prodott għandu jitqies bħala oriġinarju jekk jissodisfa waħda mill-alternattivi stabbiliti għal dak il-prodott. Jekk prodott ikun soġġett għal regola tal-oriġini speċifika għall-prodott li tinkludi diversi rekwiżiti, il-prodott għandu jitqies oriġinarju biss jekk jissodisfa r-rekwiżiti kollha.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u tal-Anness 11-B, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) "Kapitolu" tfisser l-ewwel żewġ ċifri fin-numru ta' klassifikazzjoni tariffarja skont is-Sistema Armonizzata;

   (b) "intestatura" tfisser l-ewwel erba' ċifri fin-numru ta' klassifikazzjoni tariffarja skont is-Sistema Armonizzata;

(c) “Taqsima” tfisser taqsima tas-Sistema Armonizzata; u

(d) “subintestatura” tfisser l-ewwel sitt ċifri fin-numru ta’ klassifikazzjoni tariffarja skont is-Sistema Armonizzata.

5. Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, għandhom japplikaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin[1]:

(a) “CC” tfisser manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta’ kwalunkwe kapitolu, ħlief dak tal-prodott, jew bidla fil-kapitolu, fl-intestatura jew fis-subintestatura minn kwalunkwe kapitolu ieħor, li jfisser li l-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-manifattura tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta’ żewġ ċifri, jiġifieri bidla fil-kapitolu tas-Sistema Armonizzata;

(b) “CTH” tfisser manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta’ kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, jew bidla fil-kapitolu, fl-intestatura jew fis-subintestatura minn kwalunkwe intestatura oħra, li jfisser li l-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-manifattura tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta’ erba’ ċifri, jiġifieri bidla fl-intestatura tas-Sistema Armonizzata; u

[1] Għal aktar ċertezza, jekk rekwiżit ta’ bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja jipprevedi bħala eċċezzjoni bidla minn ċerti kapitoli, intestaturi jew subintestaturi, l-ebda wieħed mill-materjali mhux oriġinarji ta’ dawk il-kapitoli, intestaturi jew subintestaturi ma jista’ jintuża, individwalment jew b’mod konġunt.

(c) “CTSH” tfisser manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta’ kwalunkwe subintestatura, ħlief dik tal-prodott, jew bidla fil-kapitolu, fl-intestatura jew fis-subintestatura minn kwalunkwe subintestatura oħra, li jfisser li l-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-manifattura tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta’ sitt ċifri, jiġifieri bidla fis-subintestatura tas-Sistema Armonizzata.

Nota 3

Applikazzjoni tal-Anness 11-B

1. Il-punt (c) tal-Artikolu 11.2(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 11.2(2) rigward prodotti li jkunu kisbu status oriġinarju użati fil-manifattura ta’ prodotti oħrajn, japplikaw irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb fl-istess post tal-manifattura f’Parti fejn jintużaw dawk il-prodotti.

2. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tipprevedi li materjal mhux oriġinarju speċifikat ma jistax jintuża jew li l-valur jew il-piż ta’ materjal mhux oriġinarju speċifikat ma jistax jaqbeż livell limitu speċifiku, dawk ir-rekwiżiti ma japplikawx għal materjali mhux oriġinarji kklassifikati xi mkien ieħor fis-SA.

3. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tipprevedi li prodott għandu jiġi prodott minn materjal partikolari, dan ma jipprevjenix l-użu ta' materjali oħrajn li ma jistgħux jissodisfaw dak ir-rekwiżit minħabba n-natura inerenti tagħhom.

Nota 4

Kalkolu ta' valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji

1. Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "valur doganali" tfisser il-valur kif iddeterminat f'konformità mal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-GATT 1994;

(b) "EXW" tfisser:

(i) il-prezz mill-fabbrika tal-prodott imħallas jew li għandu jitħallas lill-manifattur li fl-impriża tiegħu jitwettaq l-aħħar ħdim jew ipproċessar, jekk il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-kostijiet l-oħrajn kollha mġarrba fil-manifattura ta' prodott nieqsa kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista' titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat; jew

(ii) jekk ma jkun hemm l-ebda prezz imħallas jew li għandu jitħallas, jew jekk il-prezz effettiv imħallas ma jirriflettix il-kostijiet kollha relatati mal-manifattura tal-prodott effettivament imġarrba fil-manifattura ta' prodott, il-valur tal-materjali kollha użati u l-kostijiet l-oħrajn kollha mġarrba fil-manifattura tal-prodott fil-Parti esportatriċi li:

(A) jinkludu l-ispejjeż tal-bejgħ, u dawk ġenerali u amministrattivi, kif ukoll il-profitt, li jistgħu jiġu allokati b'mod raġonevoli lill-prodott; u

(B) jeskludu l-kostijiet tan-nol, l-assigurazzjoni, il-kostijiet l-oħrajn kollha mġarrba fit-trasport tal-prodott u kwalunkwe taxxa interna tal-Parti esportatriċi li titħallas lura, jew li tista' titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(c) "MaxNOM" tfisser il-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji li jidher bħala perċentwal; u

(d) "VNM" tfisser il-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura tal-prodott, li huwa l-valur doganali fil-ħin tal-importazzjoni inkluż in-nol, l-assigurazzjoni jekk xieraq, l-ippakkjar u l-kostijiet l-oħrajn kollha mġarrba fit-trasport tal-materjali lejn il-port tal-importazzjoni fil-Parti fejn jinsab il-produttur tal-prodott.

Jekk ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi vverifikat, jintuża l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjali mhux oriġinarji f'waħda mill-Partijiet, li jista' jeskludi l-kostijiet kollha mġarrba fit-trasport tal-materjali mhux oriġinarji f'Parti, bħall-kostijiet tan-nol, tal-assigurazzjoni u tal-ippakkjar kif ukoll kwalunkwe kost ieħor magħruf u verifikabbli mġarrab hemmhekk.

2. Għall-kalkolu tal-MaxNOM, tapplika l-formula li ġejja:

$$\text{MaxNOM}(\%) = \frac{\text{VNM}}{\text{EXW}} \times 100$$

Nota 5

Definizzjonijiet ta' termini użati fit-Taqsima XI tal-Anness 11-B

1. "Fibri naturali" tfisser fibri ħlief fibri artifiċjali jew sintetiċi. L-użu tagħhom huwa limitat għall-istadji ta' qabel l-għażil, inkluż l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, tinkludi fibri li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux magħżula; "fibri naturali" tinkludi krin tal-intestatura 05.11, ħarir tal-intestaturi 50.02 u 50.03, fibri tas-suf u xagħar tal-annimali fin jew aħrax tal-intestaturi 51.01 sa 51.05, fibri tal-qoton tal-intestaturi 52.01 sa 52.03, u fibri veġetali oħrajn tal-intestaturi 53.01 sa 53.05.

2. "Polpa tat-tessuti", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issir il-karta" jfissru materjali li ma humiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri jew raden artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

3. "fibri staple magħmulin mill-bniedem" tfisser stoppa tal-filamenti sintetiċi jew artifiċjali, fibri staple jew skart, tal-intestaturi minn 55.01 sa 55.07.

4. “Stampar” tfisser teknika li permezz tagħha funzjoni vvalutata b’mod oġġettiv, bħall-kulur, id-disinn, jew il-prestazzjoni teknika, tiġi applikata fuq sottostrat tessili b’karattru permanenti, bl-użu ta’ tekniki ta’ skrin, roller, diġitali jew ta’ trasferiment.

5. “Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)” tfisser teknika li permezz tagħha funzjoni vvalutata b’mod oġġettiv, bħall-kulur, id-disinn jew il-prestazzjoni teknika, tiġi applikata fuq sottostrat tessili b’karattru permanenti, bl-użu ta’ tekniki ta’ skrin, roller, diġitali jew ta’ trasferiment ikkombinati ma’ mill-inqas żewġ (2) operazzjonijiet preparatorji jew tal-irfinar bħall-għorik, l-ibbliċjar, l-illustrar, l-istabbiliment termiku, l-ikkuttunar, l-illustrar u l-illixxar (mogħdija), l-ipproċessar ta’ reżistenza għax-xrib, l-irfinar permanenti, id-decatising, l-imprenjar, it-tiswija u t-tindif miż-żlielem dment li l-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % (ħamsin fil-mija) tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

Nota 6

Tolleranzi applikabbli għal prodotti li fihom żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar

1. Għall-fini ta’ din in-Nota, il-materjali tessili bażiċi huma dawn li ġejjin:

– il-ħarir;

– is-suf;

– ix-xagħar aħrax tal-annimali;

– ix-xagħar fin tal-annimali;

– il-krin;

– il-qoton;

– il-materjali li minnhom issir il-karta u l-karta;

– l-għażel;

– il-qanneb;

– il-ġuta u fibri tessili oħrajn tat-tilju;

– is-sisal u fibri tessili oħrajn tal-ġeneru Agave;

– il-ġewż tal-Indi, il-manilla, ir-rami u fibri tessili veġetali oħrajn;

– il-filamenti sintetiċi;

– il-filamenti artifiċjali;

– il-filamenti konduttivi;

– il-fibri staple sintetiċi tal-polipropilen magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tal-poliester magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tal-poliammid magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tal-poliimmid magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tas-sulfur tal-polifenilen magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple sintetiċi tal-klorur tal-polivinil magħmulin mill-bniedem;

– fibri staple sintetiċi oħrajn magħmulin mill-bniedem;

– il-fibri staple artifiċjali tal-visk magħmulin mill-bniedem;

– fibri staple artifiċjali oħrajn magħmulin mill-bniedem;

– ir-raden magħmul mill-poliuretan issegmentat b'segmenti flessibbli tal-polietere, iggimmjat jew le;

– ir-raden magħmul mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-poliester, iggimmjat jew le;

– il-prodotti tal-intestatura 56.05 (raden metallizzat) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' film tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju jew le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 (ħames) mm, magħluqa f'adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ (2) saffi ta' film tal-plastik; u

– prodotti oħrajn tal-intestatura 56.05.

Eżempju:

Raden, tal-intestatura 52.05, magħmulin minn fibri tal-qoton tal-intestatura 52.03 u fibri staple sintetiċi tal-intestatura 55.06, huwa raden imħallat. Għalhekk, il-fibri staple sintetiċi mhux oriġinarji li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 11-B jistgħu jintużaw, dment li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % (għaxra fil-mija) tal-piż tar-raden.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 51.12, magħmul minn raden tas-suf tal-intestatura 51.07 u raden sintetiku ta' fibri staple tal-intestatura 55.09, huwa drapp imħallat. Għalhekk, jista' jintuża raden sintetiku li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 11-B, jew raden tas-suf li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 11-B, jew taħlita tat-tnejn, dment li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % (għaxra fil-mija) tal-piż tal-materjali tessili bażiċi kollha.

Eżempju:

Drapp tessili bil-bżiebeż, tal-intestatura 58.02, magħmul minn raden tal-qoton tal-intestatura 52.05 u drapp tal-qoton tal-intestatura 52.10, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton ikun fih innifsu drapp imħallat magħmul minn raden ikklassifikat taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk ir-raden tal-qoton użat jkun huwa stess taħlita.

Jekk id-drapp tessili bil-bżiebeż ikkonċernat kien magħmul minn raden tal-qoton tal-intestatura 52.05 u drapp sintetiku tal-intestatura 54.07, allura, huwa ċar li r-raden użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp tessili trapuntat huwa, għalhekk, prodott imħallat.

2. Meta ssir referenza għal din in-Nota fl-Anness 11-B, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kolonna 2 tagħha ma għandhom japplikaw għall-ebda materjal tessili bażiku mhux oriġinarju, ħlief ir-raden elastomeriku, li jintuża fil-manifattura tal-prodott tal-Kapitoli 50 sa 63, dment li:

   (a) il-prodott fih żewġ (2) materjali tessili bażiċi jew aktar; u

   (b) il-piż tal-materjali tessili bażiċi mhux oriġinarji, meħudin flimkien, ma jaqbiżx l-10 % (għaxra fil-mija) tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati.

3. Minkejja n-Nota 6.2, għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 li jinkorporaw “ir-raden magħmul mill-poliuretan issegmentat b’segmenti flessibbli tal-polietere, iggimmjat jew le”, it-tolleranza hija ta’ 20 % (għoxrin fil-mija) fir-rigward tal-piż ta’ dan ir-raden mhux oriġinarju bħala perċentwal tal-piż tal-materjali tessili bażiċi kollha użati.

4. Minkejja n-Nota 6.2, għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 li jinkorporaw “strixxa li tikkonsisti f’qalba ta’ fojl tal-aluminju jew qalba ta’ film tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju jew le, b’wisa’ ta’ mhux aktar minn 5 (ħames) mm, magħluqa f’adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta’ film tal-plastik”, it-tolleranza hija ta’ 30 % (tletin fil-mija) fir-rigward tal-piż ta’ din l-istrixxa mhux oriġinarja bħala perċentwal tal-piż tal-materjali tessili bażiċi kollha użati.

Nota 7

Tolleranzi oħrajn applikabbli għal ċerti prodotti tessili

1. Meta ssir referenza għal din in-Nota fl-Anness 11-B, jistgħu jintużaw materjali tessili mhux oriġinarji, bl-eċċezzjoni tal-inforor u l-kontrainforor, il-ħjut elastomeriċi u l-ħjut tal-ħjata, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-lista fil-Kolonna 2 għall-prodott tat-tessut manifatturat, dment li jkunu kklassifikati f’intestatura ħlief dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % (tmienja fil-mija) tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

2. Materjali mhux oriġinarji li ma humiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw mingħajr restrizzjoni fil-manifattura ta’ prodotti tessili kklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, kemm jekk fihom tessuti kif ukoll jekk le.

Eżempju

Jekk rekwiżit stabbilit fl-Anness 11-B jipprevedi li r-raden irid jintuża għal oġġett tessili partikolari (bħal qalziet), dan ma jipprevjenix l-użu ta' oġġetti tal-metall mhux oriġinarji, bħal buttuni, minħabba li l-oġġetti tal-metall ma humiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jipprevjenix l-użu ta' żippijiet, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom it-tessuti.

3. Jekk japplika rekwiżit stabbilit fl-Anness 11-B li jikkonsisti f'valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji, il-valur tal-materjali mhux oriġinarji li ma humiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandu jitqies meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali mhux oriġinarji inkorporati.

Nota 8

Definizzjonijiet tal-proċessi msemmija fit-Taqsimiet VI sa VII fl-Anness 11-B

Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott:

1. "Proċessar bijoteknoloġiku" tfisser:

   (a) il-kultura bijoloġika jew bijoteknoloġika (inkluża l-kultura taċ-ċelloli), l-ibridizzazzjoni jew il-modifika ġenetika ta':

      (i) mikroorganiżmi bħal batterji u viruses, inklużi l-batterjofagi; jew

(ii) ċelloli tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti; u

(b) il-produzzjoni, l-iżolament jew il-purifikazzjoni ta' strutturi ċellulari jew interċellulari, bħal ġeni iżolati, frammenti tal-ġeni u plażmidi, jew il-fermentazzjoni.

2. "Bidla fid-daqs tal-partikoli" tfisser il-modifika intenzjonata u kkontrollata tad-daqs tal-partikoli ta' prodott, ħlief b'sempliċi tifrik jew tagħsir, li tirriżulta fi prodott b'daqs tal-partikoli definit, distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli definita jew erja tas-superfiċje definita, li huwa rilevanti għall-finijiet tal-prodott miksub u b'karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi differenti minn dawk tal-materjali tal-input.

3. "Reazzjoni kimika" tfisser proċess, inkluż proċess bijokimiku, li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida permezz tat-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bil-formazzjoni ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew permezz tal-alterazzjoni tal-arranġament spazjali tal-atomi f'molekula, bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin, li ma humiex meqjusin reazzjonijiet kimiċi għall-finijiet ta' din id-definizzjoni:

(a) it-taħlil fl-ilma jew f'solventi oħra;

(b) it-tneħħija ta' solventi inkluż l-ilma solventi; jew

(c) iż-żieda jew it-tneħħija tal-ilma tal-kristallizzazzjoni.

4. "Separazzjoni tal-isomeri" tfisser l-iżolament jew is-separazzjoni ta' isomeri minn taħlita ta' isomeri.

5. “Taħlit” tfisser it-taħlit intenzjonat u kkontrollat b’mod proporzjonali (inkluża d-dispersjoni) ta’ materjali ħlief iż-żieda ta’ dilwenti, għall-konformità ma’ speċifikazzjonijiet prestabbiliti biss, li jirriżulta fil-produzzjoni ta’ prodott b’karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi li jkunu rilevanti għall-finijiet jew l-użi tal-prodott u li jkunu differenti mill-materjali tal-input.

6. “Produzzjoni ta’ materjali standard” (inkluż soluzzjonijiet standard) tfisser il-produzzjoni ta’ preparazzjoni xierqa għal użi analitiċi, tal-kalibrar jew ta’ referenzjar b’livelli preċiżi ta’ purità jew proporzjonijiet ċertifikati mill-manifattur.

7. “Purifikazzjoni” tfisser proċess li jirriżulta fi:

   (a) il-purifikazzjoni ta’ oġġett li tirriżulta fl-eliminazzjoni ta’ mill-inqas 80 % (tmenin fil-mija) tal-kontenut ta’ impuritajiet eżistenti; jew

   (b) it-tnaqqis jew it-tneħħija ta’ impuritajiet li jirriżultaw f’oġġett xieraq għal waħda jew aktar mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

      (i) sustanzi farmaċewtiċi, mediċi, kożmetiċi, veterinarji jew għall-użu alimentari;

      (ii) prodotti kimiċi u reaġenti għal użi analitiċi, dijanjostiċi jew tal-laboratorju;

      (iii) elementi u komponenti għall-użu fil-mikroelettronika;

      (iv) użi ottiċi speċjalizzati;

(v) użu bijotekniku, bħal fil-kultura taċ-ċelloli, fit-teknoloġija ġenetika, jew bħala katalizzatur);

(vi) trasportaturi użati fi proċessi ta' separazzjoni; jew

(vii) użi ta' grad nukleari.

Nota 9

Prodotti agrikoli

Il-prodotti agrikoli li jaqgħu taħt il-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 24.01 li jitkabbru jew jinħasdu fit-territorju ta' Parti għandhom jiġu ttrattati bħala li joriġinaw fit-territorju ta' dik il-Parti, anki jekk ikunu mkabbra minn żerriegħa, żerriegħa, basal, salvaġġ, biċċiet, tilqim, rimjiet, għajn jew partijiet ħajjin oħra ta' pjanti importati minn pajjiż terz.

ANNESS 11-B

REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA I	ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI
Kapitolu 1	Annimali ħajjin
01.01 – 01.06	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel
02.01 – 02.10	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn
03.01 – 03.08	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra
0401.10 – 0402.91	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox.
0402.99	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-piż tal-prodott.
04.03 – 04.10	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 5	Prodotti ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra.
0501.00 – 0511.10	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.
0511.91 - Bajd tal-ħut li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem - Oħrajn	Il-bajd tal-ħut kollu jinkiseb għalkollox. Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.
0511.99	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.
TAQSIMA II	PRODOTTI VEĠETALI
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali
06.01 – 06.04	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel
07.01 – 07.14	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 8	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ
08.01– 08.10	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 8 użati jinkisbu għalkollox.
08.11	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 8 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-piż tal-prodott.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
08.12 – 08.14	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 8 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 9	Kafè, te, matè u ħwawar
0901.11 – 0901.12	CTH
0901.21 – 0901.22	Manifattura li fiha l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 9 użati ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott.
0901.90	CTH
09.02	CTSH
09.03	CTH
09.04 – 09.10	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.
Kapitolu 10	Ċereali
10.01 – 10.08	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ
11,01 – 11,09	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 10 u 11, l-intestaturi 07.01 u 23.03 u s-subintestatura 0710.10 użati jinkisbu għalkollox.
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi ħabb, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u foraġġ
12,01 – 12,14	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati jinkisbu għalkollox.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi, u meraq u estratti veġetali oħrajn
13.01	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 13.01 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-EXW tal-prodott.
13.02	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.
Kapitolu 14	Materjal tad-dfir veġetali; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra.
14,01 – 14,04	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati jinkisbu għalkollox.
TAQSIMA III	XAĦMIJIET U ŻJUT TAL-ANNIMALI JEW VEĠETALI U PRODOTTI MILL-QSIM TAGĦHOM; XAĦMIJIET IPPREPARATI TAJBIN GĦALL-IKEL; XEMGĦAT TAL-ANNIMALI JEW VEĠETALI
Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat tal-annimali jew veġetali
15,01 – 15,06	CTH
15.07	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-intestaturi 12.01 u 15.07 użati jinkisbu għalkollox.
15.08	CTSH
15.09 – 15.10	Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox.
15.11	CTH
1512,11 – 1512,19 - Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol - Żejt tal-għosfor	 Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-intestaturi 12.06 u 15.12 użati jinkisbu għalkollox. CTH

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
1512,21 – 1513,19	CTSH
1513,21 – 1513,29	CTH
15.14 - Żejt tal-lift jew tal-kolza - Żejt tal-mustarda	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-intestaturi 12.05 u 15.14 użati jinkisbu għalkollox. CTH
1515,11 – 1515,19	CTSH
1515,21 – 1515,29	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-intestaturi 10.05 u 15.15 użati jinkisbu għalkollox.
1515.30 – 1515.50	CTH
1515.90 - Żejt taċ-chia u tat-tung, żejt tal-ojtiċika - Oħrajn	CTH CTSH
15.16 – 15.17	CTH
15.18	CTSH
15.20	CTH
15.21 – 15.22	CTSH
TAQSIMA IV	PRODOTTI TAL-IKEL IPPREPARATI; XARBIET, SPIRTI U ĦALL; TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TAT-TABAKK
Kapitolu 16	Preparati ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn
16.01 – 16.05	CC, dment li l-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati jinkisbu għalkollox.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 17	Zokkrijiet u ħlewwiet taz-zokkor
17.01	CTH
1702 - Maltożju kimikament pur u fruttożju kimikament pur - Oħrajn	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura ħlief minn maltożju kimikament pur u fruttożju kimikament pur mhux oriġinarji. CC, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-Kapitoli 11 u 23.
17.03	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati jinkisbu għalkollox.
17.04	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott.
Kapitolu 18	Kawkaw u preparati tal-kawkaw
18.01	CTH
18.02	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 1801.
18.03	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 1802.
18.04 – 18.05	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 1802 u 1803.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
1806	Manifattura li fiha: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott.
Kapitolu 19	Preparati taċ-ċereali, tad-dqiq, tal-lamtu jew tal-ħalib; prodotti tal-pastiċċiera
19.01	CC, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06 u 11.01 sa 11.08 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott.
19.02 – 19.03	CC, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3, 4 u 16 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06 u 11.01 sa 11.08 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
19.04 – 19.05	CC, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06 u 11.01 sa 11.08 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott.
Kapitolu 20	Preparati ta' ħaxix, frott, ġewż jew partijiet oħrajn tal-pjanti
20.01	CTH
20.02 – 20.03	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jinkisbu għalkollox.
20.04 – 20.05	CTH
20.06 – 20.08	CTH, dment li: – it-tuffieħ, il-lumi, l-ixkomp, il-lariġ, il-ħawħ u l-lanġas jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott.
20.09	CTH, dment li: – it-tuffieħ, it-tronġ, il-lumi, l-ixkomp, il-lariġ, il-ħawħ, il-lanġas, il-frawli u t-tanġerini jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 21	Preparati mixxellanji tajbin għall-ikel
2101.11- 2101.12	CTH, dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 09.01 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-EXW tal-prodott.
2101.20	CTH, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox, u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-piż tal-prodott.
2101.30	CTH, dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 09.01 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-EXW tal-prodott.
21.02	CTH, dment li l-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox.
2103.10	CTH, dment li l-materjali kollha tal-intestatura 12.01 u s-subintestatura 1208.10 użati jinkisbu għalkollox.
2103.20 – 2104.20	CTH, dment li l-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox.
21.05 – 21.06	CTH, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u ħall
22.01	CTH
22.02 - Xarbiet tas-sojja	CTH, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 u tas-subintestaturi 1201.90 u 1208.10 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-piż tal-prodott.
- Oħrajn	CTH, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu għalkollox; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-piż tal-prodott.
22.03	CTH
22.04 – 22.05	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 22.07 jew 22.08, dment li: – l-għeneb kollu użat jinkiseb għalkollox; u – il-materjali kollha derivati mill-għeneb użati jkunu oriġinarji.
22.06	CTH
22.07	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 22.08, dment li: – l-għeneb, il-kannamiela jew il-qamħirrum kollha użati jinkisbu għalkollox; u – il-materjali kollha derivati mill-għeneb, mill-kannamiela jew mill-qamħirrum użati jkunu oriġinarji.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
22.08 – 22.09	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 22.07 jew 22.08, dment li: – l-għeneb kollu użat jinkiseb għalkollox; u – il-materjali kollha derivati mill-għeneb użati jkunu oriġinarji.
Kapitolu 23	Residwi u skart mill-industriji tal-ikel; foraġġ tal-annimali ppreparat
23.01	CTH, dment li l-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati jinkisbu għalkollox.
2302.10 – 2303.10	CTH, dment li l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 10 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott.
2303.20 – 2308.00	CTH
23.09	CC, dment li: – il-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3 u 4 li jintużaw jinkisbu għalkollox; – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 10 u 11 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott; u – il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 użati ma jaqbiżx il-15 % tal-piż tal-prodott.
Kapitolu 24	Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk
24.01	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati jinkisbu għalkollox.
2402.10	Manifattura li fiha l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 24.01 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-piż tal-prodott.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
2402.20	Manifattura li fiha l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 24.01 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott.
2402.90	CTH
24.03	Manifattura li fiha l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 24.01 użati ma jaqbiżx l-80 % tal-piż tal-prodott.
TAQSIMA V	PRODOTTI MINERALI
Kapitolu 25	Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment
25.01 – 25.03	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
25.04	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
25,05 – 25,14	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
25,15 – 25,16	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
25.17	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
25,18 – 25,20	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
25.21– 25.23	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
25,24 – 25,25	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
2526,10 – 2530,20	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
2530.90 - Kuluri tal-materjali tal-art, ikkalċinati jew fil-forma ta' trab - Oħrajn	Kalċinazzjoni jew ħin ta' kuluri tal-materjali tal-art. CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 26	Minerali mhux maħduma, gagazza u rmied
26.01 – 26.21	CTH
Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali
27.01 – 27.09	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.
27.10	CTH, ħlief minn bijodiżil mhux oriġinarju tas-subintestatura 3824.99 jew 3826.00; jew Jgħaddu minn distillazzjoni jew reazzjoni kimika, dment li l-bijodiżil (inkluż iż-żejt veġetali idrotrattat) użat tal-intestatura 27.10 u s-subintestaturi 3824.99 u 3826.00 jinkiseb permezz tal-esterifikazzjoni, it-transesterifikazzjoni jew l-idrotrattament.
27.11 – 27.15	Manifattura minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA VI	PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA KIMIKA JEW DAWK RELATATI MAGĦHA Nota tat-Taqsima: Għad-definizzjonijiet tar-regoli tal-ipproċessar orizzontali f'din it-Taqsima, ara n-Nota 8 tal-Anness 11-A.
Kapitolu 28	Sustanzi kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli tal-materjali tal-art rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi
28.01 – 28.53	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 29	Sustanzi kimiċi organiċi
2901.10 – 2905.42	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
2905,43 – 2905,44	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 38.24.
2905.45	CTSH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 2905.45 dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).
2905,49 – 2942,00	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 30	Prodotti farmaċewtiċi
30.01 – 30.03	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
30.04	CTH
30.05 – 30.06	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 31	Fertilizzanti
31.01 – 31.04	CTH; madankollu jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW).
31.05 - Nitrat tas-sodju, - Ċjanammid tal-kalċju, - Sulfat tal-potassju - Sulfat tal-potassju tal-manjeżju - Oħrajn	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 31.05, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW). CTH u MaxNOM 50 % (EXW); madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 31.05, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 32	Estratti għall-ikkonzar jew għaż-żbigħ; tannini u d-derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materja koloranti oħra; żebgħa u verniċi; stokk u mastiċi oħrajn; linek
32.01 – 32.05	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; Jgħaddu minn taħlit, dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ma jaqbiżx is-70 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).
32.06	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 32.06, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz EXW tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW).
32,07 – 32,15	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; Jgħaddu minn taħlit, dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ma jaqbiżx is-70 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 33	Żjut essenzjali u reżinojdi; preparati tal-fwejjaħ, kożmetiċi jew tat-twaletta
3301.12 – 3301.30	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; Jgħaddu minn taħlit, dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ma jaqbiżx is-70 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3301.90	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3302.10	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 3302.10 dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3302,90 – 3303,00	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; Jgħaddu minn taħlit, dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ma jaqbiżx is-70 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).
33,04 – 33,07	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 34	Sapun, aġenti tensjoattivi organiċi, preparati għall-ħasil, preparati għal-lubrikazzjoni, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparazzjonijiet għall-illustrar jew għall-għorik, xemgħat u oġġetti simili, pastes għall-immudellar, "xemgħat dentali" u preparati dentali b'bażi ta' ġibs.
3401.11 – 3401.20	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3401.30	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
34.02 – 34.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 35	Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enzimi
3501.10 – 3502.20	CTH u MaxNOM 50 % (EXW).
3502.90 – 3504.00	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
35.05	CTH u MaxNOM 50 % (EXW).
35.06 – 35.07	CTSH Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 36	Splussivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; ligi piroforiċi; ċerti preparati kombustibbli
36.01 – 36.06	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 37	Oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi
37.01 – 37.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 38	Diversi prodotti kimiċi
38.01 – 38.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
38.08	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 38.08, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-EXW tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
38.09	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 11.08.
3810.10 – 3824.50	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3824.60	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tas-subintestatura 2905.44.
3824.71 – 3824.91	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3824.99 - Bijodiżil - Oħrajn	Produzzjoni li fiha l-bijodiżil jinkiseb permezz ta' transesterifikazzjoni, esterifikazzjoni jew idrotrattament. CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
38.25	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
38.26	Produzzjoni li fiha l-bijodiżil jinkiseb permezz ta' transesterifikazzjoni, esterifikazzjoni jew idrotrattament.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA VII	PLASTIK U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU; LASTIKU U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU Nota tat-Taqsima: Għad-definizzjonijiet tar-regoli tal-ipproċessar orizzontali f'din it-Taqsima, ara n-Nota 8 tal-Anness 11-A.
Kapitolu 39	Plastik u oġġetti magħmula minnu
3901.10	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3901.20	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3901,30 – 3901,40	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3901.90	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
39.02	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
3903.11	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3903,19 – 3903,30	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3903,90 – 3904,10	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3904,21 – 3906,10	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3906.90	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3907.10	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3907,20 – 3907,30	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
3907,40 – 3907,70	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3907.91	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3907,99 – 3908,90	CTSH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3909,10 – 3909,20	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3909,31 – 3909,39	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3909.40	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3909.50	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
39.10	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
39.11	CTH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
39.12 – 39.15	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika jew proċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW).
39,16 – 3923,29	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
3923.30	MaxNOM 50 % (EXW).
3923,40 – 3926,90	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 40	Lastiku u oġġetti magħmula minnu
40.01 – 40.04	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
40.05	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati, ħlief materjali mhux oriġinarji tas-subintestaturi 4001.10 sa 4001.29, ma jaqbiżx il-50 % tal-EXW tal-prodott.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
40.06 – 40.11	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
4012,11 – 4012,19	CTSH; jew Riġenerezzjoni ta' tajers użati.
4012.20 – 4017.00	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
TAQSIMA VIII	ĠLUD GREZZI, ĠILDA, FERIJIET U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM; OĠĠETTI TAS-SARRAĠ U XEDD; OĠĠETTI GĦAS-SAFAR, BOROŻ TAL-IDEJN U KONTENITURI SIMILI; OĠĠETTI TAL-KORDA TAL-MUSRANA (ĦLIEF MUSRANA TAD-DUDU TAL-ĦARIR)
Kapitolu 41	Ġlud grezzi (għajr il-ġlud tal-pelliċċerija u l-ġilda)
41.01 – 41.03	CTSH
41.04 – 41.06	CTH; jew Ikkonzar mill-ġdid ta' ġlud ikkonzati jew ikkonzati minn qabel tas-subintestaturi 4104.11, 4104.19, 4105.10, 4106.21, 4106.31 jew 4106.91.
41.07 – 41.13	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tas-subintestaturi 4104.41, 4104.49, 4105.30, 4106.22, 4106.32 u 4106.92, dment li jgħaddu minn operazzjoni ta' kkonzar mill-ġdid tal-ġlud ikkonzati jew "in crust" fl-istat xott.
41.14 – 41.15	CTH

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 42	Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-korda tal-musrana (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)
42.01 – 42.06	CTH
Kapitolu 43	Ġlud tal-pelliċċerija u fer artifiċjali; prodotti magħmulin minnhom
43.01 – 43.04	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
TAQSIMA IX	INJAM U OĠĠETTI TAL-INJAM; FAĦAM TAL-INJAM; SUFRA U OĠĠETTI TAS-SUFRA; MANIFATTURI TA' TIBEN, TA' SPARTU JEW TA' MATERJALI OĦRAJN TAT-TRIZZA; XOGĦOL TAL-QFIEF U XOGĦOL TAL-QASAB
Kapitolu 44	Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam
44.01 – 44.21	CTH
Kapitolu 45	Sufra u oġġetti ta' sufra
45.01 – 45.04	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 46	Manifatturi ta' tiben, ta' spartu jew ta' materjali oħra tat-trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab
46.01 – 46.02	CTH

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA X	POLPA TAL-INJAM JEW TA' MATERJAL IEĦOR ĊELLULOŻIKU FIBRUŻ; (SKART U FDAL TA') KARTA JEW KARTUN IRKUPRAT; KARTA JEW KARTUN U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM
Kapitolu 47	Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat
47.01 – 47.07	CTH
Kapitolu 48	Karta u kartun; oġġetti tal-polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun
48.01 – 48.07	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
4808.10	CTH u MaxNOM 50 % (EXW).
4808.40 – 4811.49	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
4811.51	CTH
4811.59 – 4816.90	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
48.17	CTH u MaxNOM 50 % (EXW).
48.18	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
4819,10 – 4819,50	CTH u MaxNOM 50 % (EXW).
4819.60 – 4823.20	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
8537.10	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 85.38; jew MaxNOM 55 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
8537.20	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 85.38; jew MaxNOM 50 % (EXW).
8538.10	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
8538.90	CTH; jew MaxNOM 55 % (EXW).
85,39 – 85,43	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
8544,11 – 8544,60	MaxNOM 50 % (EXW)[1].
8544.70	MaxNOM 45 % (EXW).
85,45 – 85,48	MaxNOM 50 % (EXW).
TAQSIMA XVII	VETTURI, INĠENJI TAL-AJRU, BASTIMENTI U TAGĦMIR TAT-TRASPORT ASSOĊJAT
Kapitolu 86	Lokomottivi tal-linji ferrovjarji jew tat-tramm, rolling stock u partijiet tagħhom; fixtures u fittings għall-binarji jew għal-linji tat-tramm u partijiet tagħhom; tagħmir ta' sinjalar mekkaniku tat-traffiku (inkluż elettromekkaniku) ta' kull tip
86.01 – 86.09	MaxNOM 40 % (EXW).

[1] Għall-prodotti tas-subintestaturi 8544.30 u 8544.49 li joriġinaw mill-Paragwaj, għal perjodu ta' mhux itwal minn 8 (tmien) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, ir-regola speċifika għall-prodott hija MaxNOM 55 % (EXW). Il-Kapitolu dwar ir-Regoli tal-Oriġini japplika *mutatis mutandis* għad-determinazzjoni tal-oriġini mill-Paragwaj.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 87	Vetturi ħlief rolling stock ta' linji ferrovjarji jew tat-tramm, u partijiet u aċċessorji tagħhom
87.01 – 87.07	MaxNOM 45 % (EXW).
87,08 – 87,09	MaxNOM 50 % (EXW)[1].
87.10	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
87.11	MaxNOM 50 % (EXW).
87.12	CTH, ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 87.14; jew MaxNOM 50 % (EXW).
87,13 – 87,16	MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 88	Inġenji tal-ajru, inġenji tal-ispazju, u partijiet tagħhom
88.01 – 88.05	CTH; jew MaxNOM 40 % (EXW).
Kapitolu 89	Bastimenti, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma
89.01 – 89.08	CC; jew MaxNOM 40 % (EXW).

[1] Għall-prodotti tas-subintestaturi 8708.10, 8708.21, 8708.29, 8708.40, 8708.50, 8708.80, 8708.91, 8708.92, 8708.93 u 8708.99 li joriġinaw mill-Paragwaj, għal perjodu ta' mhux itwal minn 8 (tmien) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, ir-regola speċifika għall-prodott hija MaxNOM 55 % (EXW). Il-Kapitolu dwar ir-Regoli tal-Oriġini japplika *mutatis mutandis* għad-determinazzjoni tal-oriġini mill-Paragwaj.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA XVIII	STRUMENTI U APPARAT OTTIKU, FOTOGRAFIKU, ĊINEMATOGRAFIKU, TA' KEJL, TA' ĊĊEKKJAR, TA' PREĊIŻJONI, MEDIKU JEW KIRURĠIKU; ARLOĠĠI U ARLOĠĠI TAL-IDEJN; STRUMENTI MUŻIKALI; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM
Kapitolu 90	Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, ta' kejl, ta' ċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; partijiet u aċċessorji tagħhom
9001.10	MaxNOM 45 % (EXW).
9001,20 – 9001,40	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
9001.50	CTH; Manifattura li fiha tkun twettqet waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin: – lixxar tal-lenti semirfinuta f'lenti oftalmika lesta b'qawwa korrettiva ottika maħsuba biex tiġi mmuntata fuq nuċċali; jew – kisi tal-lenti bi trattamenti xierqa li jtejbu l-viżjoni u jiżguraw il-protezzjoni tal-utent; jew MaxNOM 50 % (EXW).
9001,90 – 9010,90	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
90.11	MaxNOM 50 % (EXW).
90,12 – 90,13	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
90.14	MaxNOM 50 % (EXW).
90.15	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
90.16	MaxNOM 45 % (EXW).
90,17 – 90,23	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
90,24 – 90,25	MaxNOM 45 % (EXW).
90,26 – 90,27	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
90.28	MaxNOM 45 % (EXW).
90,29 – 9032,89 9032.90	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW). CTH; jew MaxNOM 55 % (EXW).
90.33	MaxNOM 45 % (EXW).
Kapitolu 91	Arloġġi u arloġġi tal-idejn jew tal-but u partijiet tagħhom
91.01 – 91.14	MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 92	Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta’ dawn l-oġġetti
92.01 – 92.09	MaxNOM 45 % (EXW).

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA XIX	ARMI U MUNIZZJON; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM
Kapitolu 93	Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom
93.01 – 93.07	MaxNOM 50 % (EXW).
TAQSIMA XX	OĠĠETTI MANIFATTURATI VARJI
Kapitolu 94	Għamara; friex, saqqijiet, irfid għas-saqqijiet, cushions u arredament simili mimli; luminarji u fittings tat-tidwil mhux speċifikati jew inklużi banda oħra; sinjali mdawlin, pjanċi tal-ismijiet imdawlin u bħalhom; bini prefabbrikat
9401.10	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
9401.20	MaxNOM 50 % (EXW).
9401,30 – 9401,80	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
9401.90	MaxNOM 50 % (EXW)[1].
94.02 – 94.05	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
94.06	MaxNOM 50 % (EXW).

[1] Għall-prodotti tas-subintestatura 9401.90 li joriġinaw mill-Paragwaj, għal perjodu ta' mhux itwal minn 8 (tmien) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, ir-regola speċifika għall-prodott hija MaxNOM 55 % (EXW). Il-Kapitolu dwar ir-Regoli tal-Oriġini japplika *mutatis mutandis* għad-determinazzjoni tal-oriġini mill-Paragwaj.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 95	Ġugarelli, logħob u oġġetti għall-isport; partijiet u aċċessorji tagħhom
9503.00 – 9504.20	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
9504.30	MaxNOM 45 % (EXW).
9504,40 – 9506,70	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
9506.91	MaxNOM 45 % (EXW).
9506.99 – 9508.90	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
Kapitolu 96	Oġġetti manifatturati varji
96.01 – 96.04	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
96.05	Kull oġġett fis-sett irid jissodisfa r-regola li tapplika għalih kieku ma kienx inkluż fis-sett. Madankollu, jistgħu jiġu inkorporati oġġetti mhux oriġinarji, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-15 % tal-EXW tas-sett.
96.06 – 96.07	CTH u MaxNOM 50 % (EXW).
96.08 – 96.20	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW).
TAQSIMA XXI	XOGĦLIJIET TAL-ART, BIĊĊIET TAL-KOLLEZZJONI U ANTIKITAJIET
Kapitolu 97	Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet
97.01 – 97.06	CTH

Appendiċi 11-B-1

ARRANĠAMENTI SPEĊJALI DWAR REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT GĦAL ĊERTI PRODOTTI

Jekk it-tariffa tal-Unjoni Ewropea marbuta mad-WTO applikabbli għal dawn il-prodotti ma tkunx ta' 0 % (żero fil-mija), il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu wkoll li joriġinaw mill-MERCOSUR dment li r-regola tal-oriġini speċifika għall-prodott korrispondenti, kif stabbilita hawn taħt, tiġi ssodisfata fil-MERCOSUR skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim, sakemm il-MERCOSUR ma jinnotifikax lill-Unjoni Ewropea mod ieħor.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017)	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
8443.31; 8443.32; 8470.50; 8471; 8473.30; 8517.69; 8525; 8527; 8531.20; 8543.70; 9030.20; 9030.33; 9030.39; 9030.40; 9030,82; 9030,84; 9030.89; 9031.80	I. L-assemblaġġ u l-iwweldjar tal-komponenti kollha fuq il-bord ta' ċirkwit stampat li jimplimenta l-funzjoni tal-Ipproċessar Ċentrali (bord ewlieni); II. L-integrazzjoni tal-bord ta' ċirkwit stampat assemblat f'konformità mal-punt I, bordijiet ta' ċirkwiti stampati oħrajn (jekk ikun hemm) u partijiet elettriċi, mekkaniċi u ta' subassemblaġġ oħrajn fil-format tal-prodott finali; u III. Il-konfigurazzjoni tal-prodott finali, l-installazzjoni tas-software (jekk applikabbli) u t-testijiet ta' tħaddim.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017)	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
8443.99; 8473.29; 8473.30; 8473,40; 8473.50; 8517.70; 8523.52; 8523.59	I. L-assemblaġġ u l-iwweldjar tal-komponenti kollha fuq il-bord ta' ċirkwit stampat; u II. Il-konfigurazzjoni tal-prodott finali, l-installazzjoni tas-software (jekk applikabbli) u t-testijiet ta' tħaddim.
8504.40; 8517.12; 8517.61; 8517.62; 8521	I. L-assemblaġġ u l-iwweldjar tal-komponenti kollha fuq il-bordijiet ta' ċirkwiti stampati; II. L-assemblaġġ tal-partijiet elettriċi u mekkaniċi, totalment diżaggregati, fil-livell bażiku tal-komponenti; u III. L-integrazzjoni ta' bordijiet ta' ċirkwiti stampati u partijiet elettriċi u mekkaniċi, assemblati skont l-entrati I u II.

ANNESS 11-C

DIKJARAZZJONI DWAR L-ORIĠINI

Id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha ssir bl-użu tat-test li huwa stabbilit hawn taħt f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi li ġejjin u f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti esportatriċi. Jekk id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini tinkiteb bl-idejn, din għandha tinkiteb bil-linka b'karattri stampati. Id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tiġi mfassla f'konformità man-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi. In-noti f'qiegħ il-paġna ma għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

Verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (износител №…[1]) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с …[2] преференциален произход.

Verżjoni bil-Kroat

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (referentni broj izvoznika: …[1]) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi …[2] preferencijalnog podrijetla.

---

[1] Meta d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ssir minn esportatur fis-sens tal-punt(a) tal-Artikolu 11.17(1), in-numru tal-esportatur għandu jiddaħħal f'dan l-ispazju. Jekk id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ssir minn esportatur fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 11.17(1), il-kliem fil-parentesi għandu jitħalla barra jew l-ispazju jitħalla vojt.

[2] L-oriġini tal-prodotti għandha tiġi indikata: l-Unjoni Ewropea jew il-MERCOSUR. Meta d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini tkun tirrigwarda, kollha kemm hi jew parti minnha, prodotti oriġinarji f'Ceuta u Melilla fis-sens tal-Artikolu 11.29, l-esportatur għandu jindika dan b'mod ċar ħdejn dawk il-prodotti deskritti fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni, permezz tas-simbolu "CM".

Verżjoni biċ-Ċek

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (referenční číslo vývozce ...[1]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v ...[2].

Verżjoni bid-Daniż

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (eksportørreferencenr. . ...[1]) erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i …[2].

Verżjoni bl-Olandiż

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (referentienr. exporteur …[1]) verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn[2].

Verżjoni bl-Ingliż

The exporter of the products covered by this document (exporter reference no…[1]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of … preferential origin[2].

Verżjoni bl-Estonjan

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (eksportija viitenumber ...[1]) deklareerib, et need tooted on ...[2] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni bil-Finlandiż

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (viejän viitenumero ...[1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita[2].

Verżjoni bil-Franċiż

L'exportateur des produits couverts par le présent document (nº de référence exportateur …[1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle …[2].

Verżjoni bil-Ġermaniż

Der Ausführer (Referenznummer des Ausführers . …[1]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nichts anderes angegeben, präferenzbegünstigte Ursprungswaren …[2] sind.

Verżjoni bil-Grieg

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο ((αριθ. αναφοράς εξαγωγέα . …[1]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής …[2].

Verżjoni bl-Ungeriż

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (az exportőr azonosító száma …[1]) kijelentem, hogy eltérő jelzs hiányában az áruk kedvezményes … származásúak[2].

Verżjoni bit-Taljan

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (numero di riferimento dell'esportatore …[1]) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale …[2].

Verżjoni bl-Irlandiż

Onnmhaireoir na dtáirgí a chumhdaítear leis an doiciméad seo (Uimhir Thagartha an Onnmhaireora …[1]) dearbhaítear leis seo, mura sonraítear a mhalairt go soiléir, gur táirgí de thionscnamh …[2] tionscnamh fabhrach.

Verżjoni bil-Latvjan

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (eksportētāja atsauces numurs …[1]), deklarē, ka, iznemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no …[2].

Verżjoni bil-Litwan

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (Eksportuotojo registracijos Nr …[1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[2] preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (Numru ta' Referenza tal-Esportatur …[1]) jiddikjara li, hlief fejn indikat b'mod car li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' origini preferenzjali …[2].

Verżjoni bil-Pollakk

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (nr referencyjny eksportera …[1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[2] preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni bil-Portugiż

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (referência do exportador n.º...[1]) declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial …[2].

Verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor care fac obiectul prezentului document (numărul de referință al exportatorului ...[1]) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferenţială …[2].

Verżjoni bis-Slovakk

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (referenčné číslo vývozcu …[1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[2].

Verżjoni bis-Sloven

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom, (referenčna št. izvoznika ...[1]) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno …[2] poreklo.

Verżjoni bl-Ispanjol

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (número de referencia del exportador …[1]) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial …[2].

Verżjoni bl-Iżvediż

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (exportörens referensnummer ....[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande … ursprung[2].

(Post u data)[1]

(Firma tal-esportatur; barra minn hekk, l-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni għandu jiġi indikat b'kitba ċara)[2]

_____

[1] Il-post u d-data jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun tinsab fid-dokument innifsu.

[2] Ara l-Artikolu 11.17(6). F'każijiet fejn l-esportatur ma huwiex meħtieġ jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll l-eżenzjoni mill-isem tal-firmatarju.

ANNESS 11-D

MIŻURI TRANŻIZZJONALI

1. Għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 (tliet) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Unjoni Ewropea għandha taċċetta wkoll bħala dikjarazzjoni dwar l-oriġini "ċertifikat tal-oriġini" li jindika li l-prodotti importati fl-Unjoni Ewropea jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-oriġini stabbiliti skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim.

2. Il-perjodu ta' 3 (tliet) snin imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi estiż għal perjodu massimu ta' sentejn (2) permezz ta' notifika mill-Istat Firmatarju tal-MERCOSUR lill-Unjoni Ewropea. F'każ bħal dan, l-Anness 11-E jista' jiġi applikat dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

3. Il-MERCOSUR għandu jibgħat il-formola u l-formalitajiet taċ-"ċertifikat tal-oriġini" lill-Kummissjoni Ewropea. Kull Stat Firmatarju tal-MERCOSUR għandu jikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea d-data li fiha ċ-"ċertifikat tal-oriġini" ma jibqax japplika.

_____

ANNESS 11-E

ĠESTJONI TA' ŻBALJI AMMINISTRATTIVI

Fil-każ ta' żball mill-awtoritajiet kompetenti fil-ġestjoni xierqa tas-sistema preferenzjali fl-esportazzjoni, u b'mod partikolari fl-applikazzjoni tal-Kapitolu 11, jekk dan l-iżball iwassal għal konsegwenzi f'termini ta' dazji fuq l-importazzjoni, il-Parti li tkun qed tiffaċċja tali konsegwenzi tista' titlob lill-Kunsill Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ biex jeżamina l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri xierqa bl-għan li tkun solvuta s-sitwazzjoni.

ANNESS 11-F

DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prinċipat ta' Andorra

1. Il-prodotti li joriġinaw mill-Prinċipat ta' Andorra u li jaqgħu taħt il-Kapitoli minn 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom jiġu aċċettati mill-MERCOSUR bħala li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Kapitolu 11.

2. Il-paragrafu 1 japplika dment li, bis-saħħa tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra[1], il-Prinċipat ta' Andorra japplika għall-prodotti li joriġinaw mill-MERCOSUR l-istess trattament tariffarju preferenzjali li l-Unjoni Ewropea tapplika għal tali prodotti.

3. Il-Kapitolu 11 japplika *mutatis mutandis* għall-finijiet tad-definizzjoni tal-istatus oriġinarju tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1.

[1] ĠU UE L 374, 31.12.1990, p. 14.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Repubblika ta’ San Marino

1. Prodotti li joriġinaw mir-Repubblika ta’ San Marino għandhom jiġu aċċettati mill-MERCOSUR bħala li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Kapitolu 11.

2. Il-paragrafu 1 japplika dment li, bis-saħħa tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta’ San Marino[1], ir-Repubblika ta’ San Marino tapplika għall-prodotti li joriġinaw mill-MERCOSUR l-istess trattament tariffarju preferenzjali li l-Unjoni Ewropea tapplika għal tali prodotti.

3. Il-Kapitolu 11 japplika *mutatis mutandis* għall-finijiet tad-definizzjoni tal-istatus oriġinarju tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1.

_____

[1] ĠU UE L 84, 28.3.2002, p. 43.

ANNESS 12-A

ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA FI KWISTJONIJIET DOGANALI

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "awtorità applikanti" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun inħatret minn Parti għal dan l-għan u li tagħmel talba għall-assistenza abbażi ta' dan l-Anness;

(b) "leġiżlazzjoni doganali" tfisser kwalunkwe dispożizzjoni legali jew regolatorja applikabbli fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet, li tirregola l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-merkanzija u t-tqegħid tagħha taħt kwalunkwe reġim jew proċedura doganali oħra, inklużi miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;

(c) "informazzjoni" tfisser kwalunkwe data, dokument, immaġni, rapport jew komunikazzjoni, fi kwalunkwe format, inkluż elettroniku, irrispettivament minn jekk tkunx ġiet ipproċessata jew analizzata, jew kopji awtentikati tagħha;

(d) "operazzjoni li tikser il-leġiżlazzjoni doganali" tfisser kwalunkwe ksur jew tentattiv ta' ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(e) "persuna" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika;

(f) “data personali” tfisser l-informazzjoni kollha relatata ma’ persuna fiżika jew, jekk il-liġijiet jew ir-regolamenti ta’ Parti jipprevedu hekk, persuna ġuridika; u

(g) “awtorità li ssirilha t-talba” tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun inħatret minn Parti għal dan l-għan u li tirċievi talba għall-assistenza abbażi ta’ dan l-Anness.

ARTIKOLU 2

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Il-partijiet għandhom jassistu lil xulxin fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza rispettiva tagħhom u bil-mod u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Anness, biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, b’mod partikolari billi jipprevjenu, jinvestigaw u jiġġieldu operazzjonijiet li jiksru dik il-leġiżlazzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Anness japplikaw għal kwalunkwe awtorità amministrattiva ta’ kwalunkwe Parti li hija kompetenti għall-applikazzjoni ta’ dan l-Anness. Dik l-assistenza la għandha tippreġudika l-liġijiet u r-regolamenti ta’ Parti li jirregolaw l-assistenza reċiproka f’materji kriminali u lanqas ma għandha tkopri informazzjoni miksuba taħt setgħat eżerċitati fuq talba ta’ awtorità ġudizzjarja, ħlief meta l-komunikazzjoni ta’ tali informazzjoni tkun awtorizzata minn dik l-awtorità.

3. L-assistenza biex jiġu rkuprati d-dazji, it-taxxi jew il-multi ma hijiex koperta minn dan l-Anness.

ARTIKOLU 3

Għajnuna fuq talba

1. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdilha l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tippermettilha tiżgura li l-leġiżlazzjoni doganali tiġi applikata b'mod korrett, inkluża informazzjoni relatata ma' attivitajiet innotati jew ippjanati li huma jew jistgħu jkunu operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali.

2. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinfurmaha jekk:

(a) l-oġġetti esportati mit-territorju ta' Parti kinux importati kif xieraq fit-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għal dawn l-oġġetti; u

(b) l-oġġetti importati fit-territorju ta' Parti kinux esportati kif xieraq mit-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għal dawn l-oġġetti.

3. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti, tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiżgura s-sorveljanza speċjali ta':

(a) persuni li fir-rigward tagħhom hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li huma jew kienu involuti f'operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali;

(b) oġġetti li jkunu jew li jistgħu jiġu ttrasportati b'tali mod li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li dawn ikunu intenzjonati għall-użu f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(c) postijiet fejn ħażniet ta' merkanzija kienu jew setgħu kienu miġbura b'tali mod illi jkun hemm motivazzjonijiet raġonevoli għaliex wieħed jemmen li dik il-merkanzija tkun maħsuba biex tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali; u

(d) mezzi tat-trasport li jkunu jew li jistgħu jintużaw b'mod li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jkunu intenzjonati biex jintużaw f'operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali.

ARTIKOLU 4

Għajnuna spontanja

1. Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, fuq l-inizjattiva tagħhom stess u f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, billi jipprovdu informazzjoni miksuba relatata ma' attivitajiet konklużi, ippjanati jew li għaddejjin li jikkostitwixxu jew jidhru li jikkostitwixxu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiffoka b'mod partikolari fuq:

(a) persuni, oġġetti u mezzi tat-trasport; u

(b) mezzi jew metodi ġodda użati sabiex jitwettqu operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali.

ARTIKOLU 5

Forma u sustanza ta’ talbiet għall-assistenza

1. It-talbiet għall-assistenza skont dan l-Anness għandhom isiru bil-miktub, jew stampati jew f’format elettroniku. Għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa għall-konformità mat-talba. Meta jkun meħtieġ minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba tista’ taċċetta talbiet orali, iżda tali talbiet orali għandhom jiġu kkonfermati minnufih bil-miktub mill-awtorità applikanti.

2. Talbiet skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità applikanti u l-uffiċċjal li jagħmel it-talba;

(b) l-informazzjoni u t-tip ta’ assistenza mitluba;

(c) l-għan tat-talba u r-raġuni għaliha;

(d) il-liġijiet, ir-regolamenti u elementi legali oħrajn involuti;

(e) indikazzjonijiet eżatti u komprensivi kemm jista’ jkun dwar il-persuni li jkunu l-mira tal-investigazzjonijiet;

(f) sommarju tal-fatti rilevanti u tal-inkjesti li jkunu diġà saru; u

(g) kwalunkwe dettall addizzjonali disponibbli biex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista’ tikkonforma mat-talba.

3. It-talbiet għandhom jiġu sottomessi b'lingwa uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba jew b'lingwa aċċettabbli għal dik l-awtorità, bl-Ingliż dejjem ikun lingwa aċċettabbli. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal kwalunkwe dokument li jakkumpanja t-talba skont il-paragrafu 1.

4. Jekk talba ma tkunx konformi mar-rekwiżiti formali stabbiliti fil-paragrafi minn 1 sa 3, l-awtorità li ssirilha t-talba tista' tirrekjedi l-korrezzjoni jew il-kompletezza tat-talba. Sadanittant, jistgħu jittieħdu miżuri prekawzjonarji.

ARTIKOLU 6

Eżekuzzjoni tat-talbiet

1. Sabiex tikkonforma ma' talba għall-assistenza, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u tar-riżorsi disponibbli, u daqslikieku kienet qed taġixxi f'isimha stess jew fuq talba ta' awtorità oħra ta' dik l-istess Parti, billi tipprovdi informazzjoni diġà fil-pussess tagħha, billi twettaq inkjesti xierqa jew billi tagħmel arranġamenti biex jitwettqu tali inkjesti. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kwalunkwe awtorità oħra li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba mill-awtorità li ssirilha t-talba jekk din tal-aħħar ma tkunx tista' taġixxi waħedha.

2. It-talbiet għall-assistenza għandhom jiġu eżegwiti f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li ssirilha t-talba.

ARTIKOLU 7

Forma li fiha għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkomunika r-riżultati tal-inkjesti lill-awtorità applikanti bil-miktub flimkien mad-dokumenti, kopji ċċertifikati jew affarijiet oħra rilevanti. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'format elettroniku.

2. Id-dokumenti oriġinali għandhom jiġu trażmessi f'konformità mar-restrizzjonijiet legali ta' kull Parti, fuq talba tal-awtorità applikanti biss, f'każijiet fejn il-kopji ċċertifikati ma jkunux biżżejjed. L-awtorità applikanti għandha tirritorna dawn il-kopji oriġinali mal-ewwel opportunità.

3. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha, f'konformità mal-paragrafu 2, twassal lill-awtorità applikanti kwalunkwe informazzjoni relatata mal-awtentiċità tad-dokumenti maħruġa jew iċċertifikati minn aġenziji uffiċjali fit-territorju tagħha b'appoġġ għal dikjarazzjoni ta' oġġetti.

ARTIKOLU 8

Preżenza ta' uffiċjali ta' Parti fit-territorju ta' Parti oħra

1. L-uffiċjali debitament awtorizzati ta' Parti jistgħu, bi qbil mal-Parti l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifikati minn din tal-aħħar, ikunu preżenti:

(a) fl-uffiċċji tal-awtorità li ssirilha t-talba jew kwalunkwe awtorità oħra kkonċernata msemmija fl-Artikolu 6(1) biex tinkiseb informazzjoni li l-awtorità applikanti teħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Anness relatata ma' attivitajiet li huma jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali; u

(b) fl-inkjesti mwettqa fit-territorju ta' dik il-Parti l-oħra.

2. L-uffiċjali awtorizzati ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra għandhom ikunu preżenti biss f'kapaċità konsultattiva. Dawn l-uffiċjali għandhom:

(a) ikunu jistgħu jipprovdu prova tal-kapaċità uffiċjali tagħhom f'kull ħin;

(b) ma jilbsux uniformi jew iġorru armi; u

(c) igawdu l-istess protezzjoni bħal dik mogħtija lill-uffiċjali tal-Parti l-oħra, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ.

ARTIKOLU 9

Konsenja u notifika

1. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tikkonsenja kwalunkwe dokument jew tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità applikanti li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness lil destinatarju residenti jew stabbilit fit-territorju tal-awtorità li ssirilha t-talba.

2. Tali talbiet għall-konsenja ta' dokumenti jew għan-notifika ta' deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub bil-lingwa uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba jew bil-lingwa aċċettata minn din l-awtorità.

ARTIKOLU 10

Skambju awtomatiku ta’ informazzjoni

1. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta’ arranġament reċiproku, f’konformità mal-Artikolu 15, jiskambjaw:

(a) kwalunkwe informazzjoni koperta minn dan l-Anness fuq bażi awtomatika; jew

(b) informazzjoni speċifika qabel il-wasla tal-kunsinni fit-territorju tal-Parti l-oħra.

2. L-implimentazzjoni tal-iskambji msemmija fil-punti (a) u (b), inklużi l-arranġamenti dwar it-tip ta’ informazzjoni li għandha tiġi skambjata, il-format u l-frekwenza tat-trażmissjoni għandhom isiru f’konformità mal-Artikolu 15.

ARTIKOLU 11

Eċċezzjonijiet għall-obbligu tal-għoti tal-għajnuna

1. L-assistenza tista’ tiġi rrifjutata jew tista’ tkun soġġetta għall-issodisfar ta’ ċerti kundizzjonijiet jew rekwiżiti f’każijiet fejn Parti tqis li l-assistenza skont dan l-Anness:

(a) x’aktarx tippreġudika s-sovranità ta’ Stat Firmatarju tal-MERCOSUR jew ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkun intalab jipprovdi assistenza skont dan l-Anness;

(b) x’aktarx tista’ tippreġudika l-ordni pubbliku, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, b’mod partikolari fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 12(5); jew

(c) tikser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba tista' tipposponi l-assistenza abbażi li tali assistenza tinterferixxi ma' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet jew proċedimenti li jkunu għaddejjin. F'dan il-każ, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkonsulta mal-awtorità applikanti sabiex tiddetermina jekk l-għajnuna tistax tingħata soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet li tista' teħtieġ l-awtorità li ssirilha t-talba.

3. Jekk l-awtorità applikanti tfittex assistenza li hija stess ma tkunx tista' tipprovdi jekk tintalab tagħmel dan, hija għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Imbagħad, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tiddeċiedi kif tirreaġixxi għal talba bħal din.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

ARTIKOLU 12

Skambju ta' informazzjoni u kunfidenzjalità

1. L-informazzjoni riċevuta bis-saħħa ta' dan l-Anness għandha tintuża biss għall-finijiet stabbiliti hawnhekk.

2. L-użu ta' informazzjoni riċevuta bis-saħħa ta' dan l-Anness fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi mibdija fir-rigward ta' operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali għandu jitqies li huwa skont il-finijiet ta' dan l-Anness. Għalhekk, kull Parti tista', fir-rekords tal-evidenza, fir-rapporti u fix-xhieda tagħha u fil-proċedimenti u fl-akkużi mressqa quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi, tuża bħala evidenza l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati f'konformità ma' dan l-Anness. L-awtorità li ssirilha t-talba tista' tissoġġetta l-għoti ta' informazzjoni jew l-għoti ta' aċċess għal dokumenti għall-kundizzjoni li tiġi nnotifikata b'dan l-użu.

3. Jekk waħda mill-Partijiet tixtieq tuża tali informazzjoni għal finijiet oħrajn għajr dawk imsemmija f'dan l-Anness, din għandha tikseb il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità li pprovdiet l-informazzjoni. Tali użu għandu imbagħad ikun soġġett għal kwalunkwe restrizzjonijiet stabbiliti minn dik l-awtorità.

4. Kwalunkwe informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skont dan l-Anness għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti. Dik l-informazzjoni għandha tkun koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni simili skont il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tal-Parti li tirċievi l-informazzjoni. Kull Parti għandha tikkomunika lill-Parti l-oħra informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha.

5. Id-data personali tista' tiġi ttrasferita biss f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tal-Parti li tipprovdi d-data. Kull Parti se tinforma lill-Parti l-oħra dwar ir-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data u, jekk ikun meħtieġ, tagħmel l-aħjar sforzi biex taqbel dwar protezzjonijiet addizzjonali.

ARTIKOLU 13

Esperti u xhieda

L-awtorità li ssirilha t-talba tista' tawtorizza lill-uffiċjali tagħha jidhru, fil-limitazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala esperti jew xhieda fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi dwar il-kwistjonijiet koperti minn dan l-Anness, u jipproduċu dawk l-oġġetti, dokumenti jew kopji ċċertifikati tagħhom li jistgħu jkunu meħtieġa għall-proċedimenti. It-talba għad-dehra trid tindika speċifikament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva se jkollu jidher l-uffiċjal, dwar liema kwistjonijiet u bis-saħħa ta' liema titlu jew kwalifika għandu jkun interrogat l-uffiċjal.

ARTIKOLU 14

Spejjeż tal-għajnuna

1. Il-Partijiet għandhom jirrinunzjaw għal kwalunkwe pretensjoni għal rimborż tal-ispejjeż imġarrba fl-eżekuzzjoni ta' dan l-Anness, ħlief għall-allowances imħallsa lill-esperti, lix-xhieda, lill-interpreti jew lit-tradutturi, fejn applikabbli.

2. Il-ħlas ta' allowances ma għandux japplika għall-impjegati tas-servizz pubbliku.

3. Jekk ikunu meħtieġa spejjeż ta' natura straordinarja biex tiġi eżegwita t-talba, il-Partijiet għandhom jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom se tiġi eżegwita t-talba, kif ukoll il-mod li bih dawn il-kostijiet għandhom jiġġarrbu.

ARTIKOLU 15

Implimentazzjoni

1. L-implimentazzjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi fdata, minn naħa waħda, lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif xieraq. Dawn għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri u l-arranġamenti prattiċi kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, filwaqt li jqisu l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli rispettivi tagħhom, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali.

2. Kull Parti għandha tinforma lill-oħra dwar il-miżuri dettaljati ta' implimentazzjoni li tadotta f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi u l-uffiċjali debitament awtorizzati maħtura bħala kompetenti biex jibagħtu u jirċievu l-komunikazzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness.

3. Fl-Unjoni Ewropea, dan l-Anness ma għandux jaffettwa l-komunikazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba skont dan l-Anness bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 16

Ftehimiet oħrajn

Dan l-Anness għandu jieħu preċedenza fuq kwalunkwe ftehim bilaterali dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali li ġie jew jista' jiġi konkluż bejn Stati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati MERCOSUR jew Firmatarji tal-MERCOSUR, sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn tal-aħħar huma inkompatibbli ma' dawk ta' dan l-Anness.

ARTIKOLU 17

Konsultazzjonijiet

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-qafas tas-Sottokumitat dwar id-dwana, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u r-regoli tal-oriġini, imsemmija fl-Artikolu 12.21 ta' dan il-Ftehim, bl-għan li jsolvu kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' fir-rigward tal-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness.

ANNESS 13-A

TAQSIMA A

LISTA TA' OQSMA

Għall-finijiet tal-Artikolu 13.8(6), il-Partijiet jaqblu dwar il-lista ta' oqsma li ġejja:

(a) l-aspetti tas-sikurezza tat-tagħmir elettriku u elettroniku, kif definiti fil-paragrafu 1 tat-Taqsima B ta' dan l-Anness;

(b) il-kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir, kif definita fil-paragrafu 2 tat-Taqsima B ta' dan l-Anness;

(c) l-effiċjenza enerġetika għall-prodotti importati mill-Unjoni Ewropea fit-territorju ta' Stat Firmatarju tal-MERCOSUR, minbarra trażbordi, koperti minn dan l-Anness; u

(d) ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku.

TAQSIMA B

DEFINIZZJONIJIET

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir elettriku u elettroniku" tfisser l-aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir li huwa dipendenti fuq kurrenti elettriċi sabiex jaħdem kif suppost u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' kurrenti bħal dawn u li huwa ddisinjat għall-użu ma' vultaġġ nominali ta' bejn 50 (ħamsin) u 1 000 (elf) V għal kurrent alternat u bejn 75 (ħamsa u sebgħin) u 1 500 (elf u ħames mija) V għal kurrent dirett, kif ukoll tagħmir li intenzjonalment jemetti jew jirċievi mewġ elettromanjetiku bi frekwenzi ta' inqas minn 3 000 (tlitt elef) GHz għall-fini ta' komunikazzjoni bir-radju jew radjudeterminazzjoni, bl-eċċezzjoni ta':

(i) tagħmir għall-użu f'atmosfera splussiva;

(ii) tagħmir għall-użu għal skopijiet radjoloġiċi jew mediċi;

(iii) partijiet tal-elettriku għal-liftijiet għal oġġetti u passiġġieri;

(iv) tagħmir tar-radju użat mid-dilettanti tar-radju;

(v) miters tal-elettriku;

(vi) plakek u sokits għall-użu domestiku;

(vii) kontrolluri ta' reċinti elettriċi;

(viii) ġuġarelli;

(ix) tagħmir speċjalizzat marittimu, ferrovjarju, tal-avjazzjoni u tal-vetturi;

(x) kits ta' evalwazzjoni mfassla apposta maħsuba għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp għal finijiet bħal dawn;

(xi) prodotti tal-kostruzzjoni, għal inkorporazzjoni permanenti f'bini jew f'xogħlijiet tal-inġinerija ċivili, li l-prestazzjoni tagħhom għandha effett fuq il-prestazzjoni tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili, bħal kejbils, allarmi tan-nar u bibien elettriċi; u

(xii) makkinarju definit bħala assemblaġġ li jikkonsisti f'mill-inqas parti waħda (1) li tiċċaqlaq, imħaddem b'sistema ta' trażmissjoni li tuża sors wieħed jew aktar ta' enerġija bħal enerġija termali, elettrika, pnewmatika, idrawlika jew mekkanika, irranġata u kkontrollata sabiex tiffunzjona bħala unità integrali, ħlief tagħmir ordinarju tal-uffiċċju, tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo, apparat domestiku, tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni, muturi elettriċi, kif ukoll kommutatur u tagħmir ta' kontroll ta' vultaġġ baxx.

(b) "kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir" tfisser il-kompatibbiltà elettromanjetika (disturb u immunità) ta' tagħmir li jiddependi fuq kurrenti elettriċi jew kampijiet elettromanjetiċi sabiex jaħdem kif suppost, u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' tali kurrenti, bl-eċċezzjoni ta':

(i) tagħmir għall-użu f'atmosfera splussiva;

(ii) tagħmir għall-użu għal skopijiet radjoloġiċi jew mediċi;

(iii) partijiet tal-elettriku għal-liftijiet għal oġġetti u passiġġieri;

(iv) tagħmir tar-radju użat mid-dilettanti tar-radju;

(v) tagħmir speċjalizzat marittimu, ferrovjarju, tal-avjazzjoni u tal-vetturi

(vi) strumenti tal-kejl;

(vii) strumenti tal-użin mhux awtomatiċi;

(viii) tagħmir li minnu nnifsu ma jagħmilx ħsara; u

(ix) kits ta' evalwazzjoni mfassla apposta maħsuba għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp għal finijiet bħal dawn.

(c) "effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon tal-output tal-prestazzjoni, tas-servizz, tal-prodotti jew tal-enerġija mad-dħul ta' enerġija ta' prodott b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu.

2. Għal aktar ċertezza, dan l-Anness ma jkoprix inġenji tal-ajru, bastimenti, ferroviji, vetturi bil-mutur sħaħ jew it-tagħmir speċjalizzat tagħhom jew partijiet minnu.

ANNESS 13-B

DWAR VETTURI BIL-MUTUR, TAGĦMIR U PARTIJIET TAGĦHOM

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

SOTTOTAQSIMA 1

DEFINIZZJONIJIET

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Ftehim tal-1958" tfisser il-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Regolamenti Tekniċi Armonizzati tan-NU għall-Vetturi bir-Roti, it-Tagħmir u l-Partijiet li jistgħu Jintramaw u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn ir-Regolamenti tan-NU, magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Marzu 1958), amministrat mid-WP.29, u l-emendi u r-reviżjonijiet sussegwenti kollha tiegħu;

(b) "SA 2017" tfisser l-edizzjoni tal-2017 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata maħruġa mid-WCO;

(c) “Regolamenti tan-NU” tfisser ir-regolamenti tekniċi adottati skont il-Ftehim tal-1958; u

(d) “WP.29” tfisser il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn ’il quddiem imsejħa “NU/KEE”).

2. It-termini użati f’dan l-Anness għandu jkollhom l-istess tifsira kif definit fil-Ftehim tal-1958 jew fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK.

SOTTOTAQSIMA 2

DISPOŻIZZJONIJIET INIZJALI

1. Il-Partijiet b’dan jirrikonoxxu d-dritt ta’ kull Parti li tiddetermina l-livell mixtieq tagħha ta’ protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza, tal-ambjent u tal-konsumatur.

2. Dan l-Anness japplika għall-kummerċ bejn il-Partijiet tal-kategoriji kollha ta’ vetturi tat-triq awtopropulsivi, inklużi l-karozzi, il-karozzi tal-linja, il-muturi, il-vannijiet u t-trakkijiet, flimkien mat-tagħmir u l-partijiet tagħhom, li jaqgħu fost l-oħrajn taħt il-Kapitoli 40, 84, 85, 87, 90 u 94 tas-SA 2017 (minn hawn ’il quddiem imsejħa “prodotti koperti minn dan l-Anness”).

3. Fir-rigward tal-prodotti koperti minn dan l-Anness, l-għanijiet ta' dan l-Anness huma li:

(b) jelimina u jipprevjeni ostakli tekniċi mhux meħtieġa għall-kummerċ bilaterali u jissimplifika, meta jkun possibbli, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) jistabbilixxi kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq ibbażati fuq il-prinċipji tal-aċċess miftuħ, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza; u

(d) isaħħaħ il-kooperazzjoni biex irawwem żvilupp kontinwu ta' benefiċċju reċiproku fil-kummerċ.

4. L-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR jirrikonoxxu r-Regolamenti tan-NU bħala referenza utli għat-tħejjija u l-adozzjoni tar-regolamenti u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom dwar il-prodotti koperti minn dan l-Anness. L-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR jippreservaw id-dritt tagħhom li jirregolaw bl-użu ta' referenzi oħrajn minbarra r-Regolamenti tan-NU.

TAQSIMA B

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-AĊĊESS GĦAS-SUQ

1. Għar-rekwiżiti fil-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti li mhijiex Parti Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 li jagħmlu referenza għal jew jinkorporaw bis-sħiħ ir-Regolamenti tan-NU kif elenkati fl-Appendiċi 13-B-1, dik il-Parti għandha taċċetta, f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, ir-rapporti tat-testijiet maħruġa mill-Parti l-oħra skont is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tan-Nazzjonijiet Uniti, sabiex tagħti prova tal-konformità mar-rekwiżiti tekniċi korrispondenti tagħha. F'dawk il-każijiet, il-Parti li taċċetta r-rapporti tat-testijiet għandha tiżgura li l-proċeduri għall-ħruġ ta' ċertifikati domestiċi abbażi tal-aċċettazzjoni ta' dawn ir-rapporti jitwettqu malajr. Jekk il-laboratorju jkun akkreditat għall-kamp ta' applikazzjoni rilevanti minn membru ta' korp ta' akkreditazzjoni tal-ILAC, il-preżenza ta' uffiċjal awtorizzat mill-awtorità tal-Parti li taċċetta r-rapporti tat-testijiet matul dawn it-testijiet ma għandhiex tkun meħtieġa. It-tariffi pubbliċi applikabbli jenħtieġ li jkunu proporzjonali għas-servizz mogħti.

2. Jekk, skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, Parti li ma tkunx Parti Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 taċċetta, bħala prova tal-konformità mar-rekwiżiti tagħha, ċertifikati maħruġa mill-Parti l-oħra skont is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tan-Nazzjonijiet Uniti jew, fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa, anki ċertifikati maħruġa skont is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni Ewropea, għall-ħruġ taċ-ċertifikati domestiċi korrispondenti, il-lista ta' dawn ir-rekwiżiti kif stabbilita mill-Parti li taċċetta ċ-ċertifikati skont l-analiżi u l-kriterji tekniċi preċedenti tagħha stess, hija stabbilita fl-Appendiċi 13-B-2.

3. Il-lista ta’ rekwiżiti li jaqgħu taħt il-paragrafi 1 u 2 ta’ din it-Taqsima, kif stabbilita minn kull Parti skont l-analiżi u l-kriterji tekniċi preċedenti tagħha stess, hija stabbilita fl-Appendiċijiet 13-B-1 u 13-B-2. Kull meta jkun meħtieġ, u skont l-analiżi u l-kriterji tekniċi tagħha stess, kull Parti għandha taġġorna l-listi rispettivi tagħha. L-aġġornamenti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku online mingħajr ħlas u kkomunikati mill-koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK tal-Parti li twettaq l-aġġornament lill-koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK tal-Parti l-oħra.

4. L-obbligi ta’ Parti skont il-paragrafi 1, 2 u 3 ta’ din it-Taqsima huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tapplika rimedji domestiċi disponibbli, inkluż, jekk xieraq, l-irtirar tal-aċċettazzjoni ta’ rapport tat-test, fuq bażi nondiskriminatorja.

5. Jekk Parti waħda temenda r-regolamenti tekniċi jew il-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità tagħha elenkati fl-Appendiċi 13-B-1 u 13-B-2, din għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minn qabel. L-aċċettazzjoni ta’ riżultat tat-test jew ċertifikat għandha tibqa’ valida sakemm ir-regolament jew il-proċeduri emendati jidħlu fis-seħħ.

6. Ir-rapporti tat-testijiet maħruġa minn laboratorji, li jinsabu fit-territorju ta' Stat Firmatarju tal-MERCOSUR, li huma fergħat jew sottokuntratturi ta' laboratorji stabbiliti fl-Unjoni Ewropea u maħtura mill-Unjoni Ewropea skont is-sistemi tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni Ewropea u tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jiġu aċċettati fl-Unjoni Ewropea, f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli, u l-proċedura għall-ħruġ taċ-ċertifikat korrispondenti tal-Unjoni Ewropea jew tan-Nazzjonijiet Uniti għandha titwettaq malajr. Għal finijiet ta' trasparenza, il-lista ta' dawk il-laboratorji għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas, tinżamm aġġornata u kkomunikata lill-koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK mill-koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK tal-Parti li tippubblika l-lista. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' Parti li hija Parti Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 li taċċetta rapporti tat-testijiet u ċertifikati maħruġa minn laboratorji maħtura skont is-sistemi tal-approvazzjoni tat-tip tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi l-fergħat jew is-sottokuntratturi tagħhom, f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti f'dak il-ftehim.

7. Kull Parti għandha żżomm lura milli tħassar jew tfixkel il-benefiċċji li jakkumulaw għall-Parti l-oħra skont dan l-Anness permezz tal-adozzjoni jew iż-żamma ta' miżuri regolatorji speċifiċi għall-prodotti koperti minn dan l-Anness. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Partijiet li jadottaw miżuri meħtieġa għas-sikurezza fit-toroq, għall-protezzjoni tal-ambjent jew għas-saħħa pubblika u għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa.

TAQSIMA C

KOOPERAZZJONI KONĠUNTA

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw informazzjoni, jikkooperaw u jżommu djalogu miftuħ u kontinwu dwar ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi tagħhom relatati mas-sikurezza tal-vetturi bil-mutur u l-protezzjoni ambjentali. L-oqsma ta' kooperazzjoni skont dan il-paragrafu jistgħu jinkludu:

(a) l-iżvilupp, l-istabbiliment u r-rieżamijiet ta' wara l-implimentazzjoni ta' regolamenti tekniċi, proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jew standards relatati;

(b) l-iżvilupp u t-tixrid ta' informazzjoni għall-użu tal-konsumatur relatat ma' regolamenti tal-vetturi bil-mutur jew standards relatati;

(c) is-sorveljanza tas-suq għall-identifikazzjoni ta' difetti relatati mas-sikurezza jew mal-emissjonijiet u n-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti tekniċi;

(d) pjanijiet ta' ħidma regolatorja dwar is-sikurezza tal-vetturi bil-mutur u r-regolamenti ambjentali;

(e) informazzjoni dwar il-valutazzjoni ta' teknoloġiji ġodda jew karatteristiċi ġodda li għandhom jiġu inkorporati fil-vetturi; u

(f) analiżijiet u żvilupp ta' metodoloġiji u approċċi konġunti, ta' benefiċċju reċiproku, prattiċi u konvenjenti, biex jassistu u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi tal-vetturi bil-mutur jew standards relatati.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-istabbiliment fit-territorji tal-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR ta' fergħat u sottokuntratturi ta' laboratorji akkreditati skont is-sistema ta' approvazzjoni tat-tip NU/KEE. Sabiex tinkoraġġixxi żieda fl-għadd ta' tali laboratorji fil-MERCOSUR, l-Unjoni Ewropea għandha, fost azzjonijiet oħra, tippubblika u taġġorna regolarment il-lista ta' tali fergħat u laboratorji u, fuq talba, tipprovdi gwida fir-rigward tal-akkreditazzjoni. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex jaqsmu d-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 6 tat-Taqsima B ta' dan l-Anness kemm mal-laboratorji NU/KEE kif ukoll mal-manifatturi ta' prodotti koperti minn dan l-Anness.

TAQSIMA D

IMPLIMENTAZZJONI

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fis-Sottokumitat dwar il-kummerċ ta' merkanzija, imsemmi fl-Artikolu 13.14 ta' dan il-Ftehim.

Appendiċi 13-B-1

LISTA TA' RAPPORTI TAT-TESTIJIET AĊĊETTATI
F'KONFORMITÀ MAL-PARAGRAFU 1 TAT-TQSIMA B TAL-ANNESS 13-B

Arġentina

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 1	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ tad-dawl il-baxx u/jew raġġ tad-dawl tas-sewqan asimetriku jew it-tnejn u mgħammra b'bozoz bil-filament tal-kategoriji R2 u/jew HS1
Nru 3.02	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tagħmir retroriflettiv għall-vetturi li jaħdmu bil-magni, u t-trejlers tagħhom
Nru 4	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' apparati għat-tidwil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi li jaħdmu bil-magni u t-trejlers tagħhom
Nru 7.02	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem u ta' wara, il-fanali tal-waqfien u l-fanali li jimmarkaw it-truf tal-vettura, għall-vetturi bil-mutur (barra l-muturi) u t-trejlers tagħhom
Nru 8	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ għaddieni jew raġġ tas-sewqan asimetriku jew it-tnejn li huma u mgħammra b'bozoz bil-filament bl-aloġenu (H1, H2, H3, HB3, HB4, H7, H8, H9, HIR1, HIR2 u/jew H11)
Nru 11.02	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-latches tal-bibien u komponenti għaż-żamma tal-bibien
Nru 12	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu tal-istering f'każ ta' impatt

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 12.03	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu tal-istering f'każ ta' impatt
Nru 13.07/13.09/13.11	Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar
Nru 13H.00	Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejkjar
Nru 14.03/14.06	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza
Nru 16.04/16.05	Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta': I. iċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi għat-trażżin tat-tfal u s-sistemi għat-trażżin tat-tfal ISOFIX għall-okkupanti ta' vetturi motorizzati; u II. il-vetturi mgħammra biċ-ċinturini tas-sikurezza, bi tfakkir taċ-ċinturin tas-sikurezza, bis-sistemi ta' trażżin, bis-sistemi għat-trażżin tat-tfal, bis-sistemi ISOFIX għat-trażżin tat-tfal u bis-sistemi i-Size għat-trażżin tat-tfal
Nru 17.06	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-sits, tal-ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin għar-ras
Nru 19.02	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-fanali ta' quddiem ta' kontra ċ-ċpar ta' vetturi li jaħdmu bil-magni
Nru 23	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-fanali tar-rivers u tal-immanuvrar għall-vetturi li jaħdmu bil-magni u t-trejlers tagħhom
Nru 24.04	Dispożizzjonijiet uniformi dwar: I. l-approvazzjoni ta' magni ta' tqabbid bil-kompressjoni (C.I. – compression ignition) fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi ta' tniġġis viżibbli; II. l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tat-twaħħil ta' magni C.I. ta' tip approvat; III. l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'magni C.I. fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi ta' tniġġis viżibbli mill-magna; u IV. il-kejl ttas-saħħa ta' magni C.I.

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 28	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati li jagħtu twissija li tinstema' u l-approvazzjoni ta' vetturi bil-magna fir-rigward tas-sinjali tagħhom li jinstemgħu
Nru 30.00	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom
Nru 30.02	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom
Nru 32.00	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-imġiba tal-istruttura tal-vettura milquta f'ħabta fuq wara
Nru 34.02	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni ta' riskji ta' nirien
Nru 37/37.03	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' bozoz bil-filament għall-użu f'fanali approvati ta' vetturi bil-mutur u tat-trejlers tagħhom
Nru 38	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-fanali taċ-ċpar ta' wara għal vetturi bil-magna ul-karrijiet tagħhom
Nru 43.00	Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-installazzjoni tiegħu fuq il-vetturi
Nru 46.01	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni għall-approvazzjoni għat-tagħmir għall-viżjoni indiretta u tal-vetturi motorizzati fir-rigward tal-installazzjoni ta' dan it-tagħmir
Nru 48/48.01/48.03	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl
Nru 50	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem, il-fanali tal-pożizzjoni ta' wara, il-fanali tal-waqfien, l-indikaturi tad-direzzjoni u l-apparat li jdawwal il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara, għall-vetturi tal-kategorija L
Nru 53	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L_3 fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 54.00	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom
Nru 58	Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta': I. it-Tagħmir għall-Protezzjoni mit-Trikkib minn Wara (TPTW); II. il-vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' TPTW ta' tip approvat; u III. il-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni mit-trikkib minn wara (PTW) tagħhom
Nru 60	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi b'żewġ roti u mopeds b'żewġ roti fir-rigward ta' kontrolli mħaddma mis-sewwieq inkluż l-identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi
Nru 72	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem li jarmu raġġ tad-dawl baxx asimmetriku u raġġ tas-sewqan u mgħammra b'fanali tal-aloġenu (fanali HS1)
Nru 73	Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta': I. il-vetturi fir-rigward tat-tagħmir għall-protezzjoni laterali (TPL) tagħhom; II. tagħmir għall-protezzjoni laterali (TPL); u III. vetturi fir-rigward tal-istallazzjoni tat-TPL ta' tip approvat skont il-parti II ta' dan ir-Regolament.
Nru 74	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L1 fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl
Nru 75	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-muturi u l-mopeds
Nru 76	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem għal mopeds li jemettu raġġ tas-sewqan u raġġ baxx
Nru 77	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi tal-ipparkjar għal vetturi bil-mutur
Nru 78	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji L_1, L_2, L_3, L_4 u L_5 fir-rigward tal-ibbrejkjar
Nru 81	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' mirja retroviżuri ta' vetturi bil-magna b'żewġ roti b'sidecar jew le, rigward il-montatura ta' mirja retroviżuri fuq il-manubriji

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 87	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali għal binhar għal vetturi bil-mutur
Nru 91	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-fanali li jimmarkaw il-ġnub għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom
Nru 94.01	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni frontali
Nru 95.02	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni laterali
Nru 98	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi awtomotivi mgħammra b'sorsi ta' dawl li jitfgħu l-gass
Nru 99	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sorsi tad-dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass biex jintużaw f'unitajiet approvati ta' fanali li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass ta' vetturi bil-magna
Nru 100	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika
Nru 113	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ tal-passaġġ u/jew raġġ tas-sewqan asimetriku mgħammra b'sorsi tad-dawl bil-filament, li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass jew moduli LED
Nru 118.00	Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar kif jinħarqu u/jew impermeabbiltà għal fjuwils jew lubrikanti, ta' ċerti materjali użati fil-kostruzzjoni ta' ċerti kategoriji ta' vetturi motorizzati
Nru 121.00	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, is-sinjali u l-indikaturi
Nru 128	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sorsi tad-dawl b'dijodu li jemetti d-dawl (LED) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati ta' vetturi motorizzati u tat-trejlers tagħhom

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 3	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tagħmir retroriflettiv għall-vetturi li jaħdmu bil-magni, u t-trejlers tagħhom
Nru 11	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-latches tal-bibien u komponenti għaż-żamma tal-bibien
Nru 13	Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar
Nru 14	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza
Nru 16	Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta': I. iċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi għat-trażżin tat-tfal u s-sistemi għat-trażżin tat-tfal ISOFIX għall-okkupanti ta' vetturi motorizzati; II. il-vetturi mgħammra biċ-ċinturini tas-sikurezza, bi tfakkir taċ-ċinturin tas-sikurezza, bis-sistemi ta' trażżin, bis-sistemi għat-trażżin tat-tfal, bis-sistemi ISOFIX għat-trażżin tat-tfal u bis-sistemi i-Size għat-trażżin tat-tfal
Nru 17	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-sits, tal-ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin għar-ras
Nru 25	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-trażżin għar-ras (headrests), kemm jekk ikunu inkorporati fis-sits tal-vettura u kemm jekk le
Nru 28	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati li jagħtu twissija li tinstema' u l-approvazzjoni ta' vetturi bil-magna fir-rigward tas-sinjali tagħhom li jinstemgħu
Nru 32	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-imġiba tal-istruttura tal-vettura milquta f'ħabta fuq wara
Nru 34	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni ta' riskji ta' nirien
Nru 43	Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-installazzjoni tiegħu fuq il-vetturi

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 46	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni għall-approvazzjoni għat-tagħmir għall-viżjoni indiretta u tal-vetturi motorizzati fir-rigward tal-installazzjoni ta' dan it-tagħmir
Nru 48	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl
Nru 64	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tagħhom li jista' jinkludi: stepni għall-użu temporanju, tajers run-flat
Nru 66	Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi kbar tal-passiġġieri fir-rigward tal-qawwa tas-superstruttura tagħhom
Nru 94	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni frontali
Nru 95	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni laterali
Nru 100	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika
Nru 107	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategorija M2 jew M3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom
Nru 118	Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar kif jinħarqu u/jew impermeabbiltà għal fjuwils jew lubrikanti, ta' ċerti materjali użati fil-kostruzzjoni ta' ċerti kategoriji ta' vetturi motorizzati
Nru 121	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, is-sinjali u l-indikaturi
Nru 131	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistemi Avvanzati ta' Bbrekjar ta' Emerġenza (AEBS)
Nru 135	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom f'każ ta' Impatt fil-Ġenb ma' Arblu (PSI)

Il-Paragwaj

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti

L-ebda.

L-Urugwaj

In-Nazzjonijiet Uniti Numru tar-Regolament	Titlu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 13	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar
Nru 13H	Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejkjar
Nru 14	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza
Nru 16	Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta': I. Iċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi ta' trażżin għat-tfal u s-sistemi ta' trażżin għat-tfal ISOFIX għall-okkupanti ta' vetturi motorizzati Il-vetturi mgħammra biċ-ċinturini tas-sikurezza, bi tfakkir taċ-ċinturin tas-sikurezza, bis-sistemi ta' trażżin, bis-sistemi għat-trażżin tat-tfal, bis-sistemi ISOFIX għat-trażżin tat-tfal u bis-sistemi i-Size għat-trażżin tat-tfal
Nru 17	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-sits, tal-ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin għar-ras
Nru 22	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' elmi protettivi u l-viżieri tagħhom għas-sewwieqa u l-passiġġieri ta' muturi u mopeds
Nru 25	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-trażżin għar-ras (headrests), kemm jekk ikunu inkorporati fis-sits tal-vettura u kemm jekk le
Nru 44	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati ta' trażżin għat-tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("Sistemi ta' Trażżin għat-Tfal")
Nru 49	Dispożizzjonijiet uniformi dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' partikoli niġġiesa u ta' inkwinanti gassużi minn magni ta' tqabbid bil-kompressjoni u minn magni ta' tqabbid bi spark għall-użu fil-vetturi

Nru 75	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-muturi u l-mopeds
Nru 80	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sedili ta' vetturi tal-passiġġieri kbar u ta' dawn il-vetturi fir-rigward tal-qawwa tas-sedili u tal-ankraġġi tagħhom
Nru 83	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna
Nru 94	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni frontali
Nru 101	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu b'magna b'kombustjoni interna biss, jew li jaħdmu b'power train elettrika ibrida fir-rigward tal-kejl tal-emissjoni tad-diossidu tal-karbonju u l-konsum tal-fjuwil u/jew il-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u l-medda elettrika, u tal-vetturi tal-kategoriji M1 u N1 li jaħdmu b'power train elettrika biss rigward il-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u l-medda elettrika
Nru 129	Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' Sistemi ta' Trażżin għat-Tfal imtejba użati fuq vetturi bil-mutur (ECRS)
Nru 145	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, ankraġġi top tether ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size

Appendiċi 13-B-2

LISTA TA' ĊERTIFIKATI AĊĊETTATI
F'KONFORMITÀ MAL-PARAGRAFU 2 TAT-TAQSIMA B TAL-ANNESS 13-B

Arġentina

(i) Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Sħiħa tal-Komunità Ewropea

Għal: Kategoriji ta' vetturi M1, M2, N1, N2 u N3, b'ambitu limitat għar-rekwiżiti tas-sikurezza attiva u passiva tal-vetturi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni Nru 15 tal-31 ta' Jannar 2019 tal-eks SECRETARÍA DE INDUSTRIA tal-eks MINISTERIO DE PRODUCCIÓN Y TRABAJO tal-Arġentina u atti komplementari.

(ii) Ċertifikati oħra tal-approvazzjoni tat-Tip tan-NU; (Spazju riżervat għal emendi futuri possibbli ta' dan l-Appendiċi skont il-paragrafi 2, 3 u 5 tat-Taqsima B tal-Anness 13-B)

Il-Brażil

L-ebda.

Il-Paragwaj

L-ebda.

L-Urugwaj

Għal kull wieħed mir-Regolamenti tan-NU identifikati mill-Urugwaj fl-Appendiċi 5-B-1, iċ-ċertifikati korrispondenti maħruġa skont is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tan-Nazzjonijiet Uniti huma aċċettati bħala prova tal-konformità mar-rekwiżiti domestiċi. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti addizzjonali ta' valutazzjoni tal-konformità li jistgħu jiġu imposti skont il-leġiżlazzjoni domestika speċifikata hawn taħt għal kull Regolament tan-NU:

(i) Ir-Regolamenti tan-NU Nru 13, 13H, 14, 16, 17, 25, 80, 94 u 145: Id-Digriet Nru 81/014 u l-emendi tiegħu, li jirregola l-Liġi Nru 19.061 tas-6 ta' Jannar 2013, dwar ir-regolamenti dwar it-traffiku u s-sikurezza fit-toroq.

(ii) Ir-Regolamenti tan-NU Nru 44 u 129: Il-Kapitolu I tal-Anness I tad-Digriet Nru 81/014, li jirregola l-Liġi Nru 19.061 tas-6 ta' Jannar 2013, dwar ir-regolamenti tat-traffiku u tas-sikurezza fit-toroq, kif emendat bid-Digriet Nru 8/024.

(iii) Ir-Regolament tan-NU Nru 75: Id-Digriet Nru 213/017, li japprova r-regolament tekniku għal tajers ġodda tal-muturi u tal-moped.

(iv) Ir-Regolamenti tan-NU Nru 49 u 83: Id-Digrieti Nru 135/021 u 362/022, li japprovaw u jemendaw, rispettivament, ir-regolament dwar il-kwalità tal-arja.

(v) Ir-Regolament tan-NU Nru 101: Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Ministeru tal-Industrija, l-Enerġija u l-Estrazzjoni datati s-17 ta' Marzu 2023, u l-25 ta' Ottubru 2024, li jiddefinixxu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għat-tikkettar tal-effiċjenza enerġetika ta' vetturi ġodda.

ANNESS 14-A

RIKONOXXIMENT TAŻ-ŻONI, TAL-KOMPARTIMENTI U TAL-ISTATUS TAL-PESTI

1. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14.12, il-Parti esportatriċi li tfittex rikonoxximent mill-Parti importatriċi taż-żoni u l-kompartimenti tagħha, inklużi żoni ħielsa mill-pesti jew żoni ħielsa mill-mard u żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard u żoni protetti jekk applikabbli, għandha tinnotifika t-talba tagħha għal rikonoxximent lill-Parti importatriċi.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe bidla fil-miżuri speċifikati fil-paragrafu 1 li huma relatati mal-mard jew mal-pest. Jekk il-Parti importatriċi tkun talbet garanziji addizzjonali, tali garanziji addizzjonali jistgħu, fid-dawl ta' tali notifika, jiġu emendati jew irtirati.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni li tappoġġa t-talba għar-rikonoxximent ta' żona u kompartiment u data oħra ta' sostenn li tistabbilixxi, b'mod partikolari:

   (a) għas-saħħa tal-annimali:

      (i) in-natura tal-marda u l-istorja tal-okkorrenza tagħha fit-territorju tal-Parti esportatriċi;

      (ii) ir-riżultati tal-ittestjar tas-sorveljanza bbażat fuq investigazzjoni seroloġika, mikrobijoloġika, patoloġika jew epidemjoloġika u l-perjodu li matulu tkun twettqet is-sorveljanza;

      (iii) indikazzjoni dwar jekk huwiex meħtieġ li l-marda tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti;

(iv) jekk applikabbli, il-perjodu li matulu t-tilqim kontra l-marda kien ipprojbit u ż-żona ġeografika kkonċernata mill-projbizzjoni; u

(v) il-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS, sanitary and phytosanitary) meħuda biex tiġi vverifikata l-assenza tal-marda.

(b) għas-saħħa tal-pjanti:

(i) lista ta' pesti regolati stabbiliti skont il-paragrafu 10 tal-Artikolu 14.10, inklużi pesti regolati tal-kwarantina u pesti regolati mhux tal-kwarantina inklużi:

(A) pesti regolati tal-kwarantina: pesti ta' importanza ekonomika potenzjali mhux magħrufa li jidhru fi kwalunkwe parti tat-territorju tal-Parti esportatriċi;

(B) pesti regolati tal-kwarantina: pesti ta' importanza ekonomika potenzjali li huma preżenti iżda mhux distribwiti b'mod wiesa' fit-territorju tal-Parti esportatriċi u li huma taħt kontroll;

(C) pesti regolati mhux tal-kwarantina; u

(D) jekk applikabbli, pesti mhux magħrufa li jseħħu f'żoni ħielsa mill-pesti fejn huma implimentati rekwiżiti legali biex jinżamm l-istatus ħieles mill-pesti (żoni protetti), inklużi r-rekwiżiti tal-moviment u tal-importazzjoni għall-pjanti ospitanti.

4. Kwalunkwe bidla fil-lista ta' pesti regolati tal-kwarantina u pesti regolati mhux tal-kwarantina stabbilita fil-punt (b)(i) tal-paragrafu 3 għandha tkun ibbażata fuq analiżi tar-riskju fitosanitarju (PRA, pest risk analysis) jew informazzjoni teknika rilevanti u kkomunikata lill-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu 14.11.

_____

ANNESS 17-A

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA BILATERALI GĦALL-VETTURI KKLASSIFIKATI TAĦT L-INTESTATURA SA 8703 U 8704

TAQSIMA A

DEFINIZZJONIJIET

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi" tfisser miżura ta' salvagwardja bilaterali għal vetturi kklassifikati taħt l-intestaturi SA 8703 u 8704, kif definit minn dan l-Anness.

(b) "awtorità kompetenti għall-investigazzjoni" tfisser:

(i) għall-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea; u

(ii) għall-MERCOSUR:

(A) għall-Arġentina, is-Secretaría de Industria y Comercio del Ministerio de Economía jew is-suċċessur tagħha;

(B) għall-Brażil, is-Secretaria de Comércio Exterior of the Ministério do Desenvolvimento, Indústria, Comércio e Serviços jew is-suċċessur tagħha;

(C) għall-Paragwaj, il-Ministerio de Industria y Comercio jew is-suċċessur tiegħu; u

(D) għall-Urugwaj, l-Asesoría de Política Comercial del Ministerio de Economía y Finanzas jew is-suċċessur tagħha;

(c) "industrija domestika tal-vetturi" tfisser il-produtturi kollha ta' vetturi simili jew f'kompetizzjoni diretta li joperaw fit-territorju ta' Parti jew, fin-nuqqas ta' dan, dawk li l-output kollettiv tagħhom ta' vetturi simili jew f'kompetizzjoni diretta normalment jikkostitwixxi aktar minn 50 %(ħamsin fil-mija) u f'ċirkostanzi eċċezzjonali mhux inqas minn 25 % (ħamsa u għoxrin fil-mija) tal-produzzjoni totali ta' tali vetturi;

(d) "dannu", tfisser dannu materjali lill-industrija domestika, theddida ta' dannu materjali lill-industrija domestika jew dewmien materjali fl-istabbiliment ta' tali industrija.

(e) “partijiet interessati” tinkludi:

(i) esportaturi, jew produtturi jew importaturi barranin ta’ vettura soġġetta għal investigazzjoni, jew assoċjazzjoni kummerċjali jew tan-negozju li l-maġġoranza tal-membri tagħha huma produtturi, esportaturi jew importaturi ta’ tali vettura;

(ii) il-gvern tal-Parti esportatriċi; u

(iii) produtturi ta’ vettura simili jew f’kompetizzjoni diretta fil-Parti importatriċi jew assoċjazzjoni tal-kummerċ u tan-negozju li l-maġġoranza tal-membri tagħha jipproduċu vettura simili jew f’kompetizzjoni diretta fit-territorju tal-Parti importatriċi;

din il-lista ma tipprekludix lill-Partijiet milli jippermettu li partijiet domestiċi jew barranin ħlief dawk imsemmija hawn fuq jiġu inklużi bħala partijiet interessati;

(f) “vettura simili jew f’kompetizzjoni diretta” tfisser:

(i) vettura li tkun identika, jiġifieri l-istess fl-aspetti kollha, għall-vettura li tkun qed tiġi kkunsidrata;

(ii) vettura oħra li, għalkemm mhux l-istess fl-aspetti kollha, għandha karatteristiċi simili ħafna għal dawk tal-vettura li qed tiġi kkunsidrata; jew

(iii) vettura li tikkompeti direttament fis-suq intern tal-Parti importatriċi, minħabba l-grad ta’ sostitwibbiltà, il-karatteristiċi fiżiċi bażiċi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-użi finali u l-kanali tad-distribuzzjoni tagħha;

din il-lista ta' fatturi ma hijiex eżawrjenti u lanqas ma jista' wieħed jew aktar minn dawn il-fatturi neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva; u

(g) "perjodu ta' tranżizzjoni" tfisser:

(i) 12(tnax)-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għal vetturi li għalihom l-Iskeda tal-Eliminazzjoni tat-Tariffi prevista fl-Anness 10-A tal-Parti li tapplika l-miżuri tipprevedi t-tneħħija tat-tariffi f'inqas minn 10 (għaxar) snin;

(ii) 18 (tmintax)-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għal vetturi li għalihom l-Iskeda tal-Eliminazzjoni tat-Tariffi prevista fl-Anness 10-A tal-Parti li tapplika l-miżuri tipprevedi t-tneħħija tat-tariffi f'10 (għaxar) snin jew fi 15 (ħmistax)-il sena;

(iii) 20 (għoxrin) sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għal vetturi li għalihom l-Iskeda tal-Eliminazzjoni tat-Tariffi prevista fl-Anness 10-A tal-Parti li tapplika l-miżuri tipprevedi t-tneħħija tat-tariffi fi 18(tmintax)-il sena; jew

(iv) 25 (ħamsa u għoxrin) sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għal vetturi li għalihom l-Iskeda tal-Eliminazzjoni tat-Tariffi prevista fl-Anness 10-A tal-Parti li tapplika l-miżuri tipprevedi l-eliminazzjoni tat-tariffi f'25 (ħamsa u għoxrin)sena jew aktar.

TAQSIMA B

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' MIŻURI TA' SALVAGWARDJA BILATERALI
GĦAL VETTURI KKLASSIFIKATI TAĦT L-INTESTATURI SA 8703 U 8704

ARTIKOLU 2

Applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi

1. Bil-ħsieb li jiġu ppreservati l-livelli eżistenti ta' investiment barrani fis-settur awtomobilistiku u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 16 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, japplikaw miżuri ta' salvagwardja bilaterali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima jekk, wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-importazzjonijiet ta' vetturi kklassifikati fl-intestaturi SA 8703 u 8704 skont termini preferenzjali jkunu żdiedu f'tali kwantitajiet, assoluti jew relattivi għall-produzzjoni jew il-konsum domestiċi, u skont tali kundizzjonijiet li jikkawżaw dannu lill-industrija domestika tal-vetturi simili jew direttament kompetittivi tal-Parti importatriċi.

2. Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi għandhom jiġu applikati biss sa fejn ikun meħtieġ biex jipprevjenu jew jirrimedjaw id-dannu.

3. Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi għandhom jiġu applikati wara investigazzjoni mill-awtoritajiet investigattivi kompetenti tal-Parti importatriċi skont il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Anness.

4. L-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi ma għandha tinvolvi l-ebda mezz ta’ kumpens għall-kummerċ.

ARTIKOLU 3

Perjodu ta’ żmien għall-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi

Parti ma għandhiex tapplika, testendi jew iżżomm fis-seħħ miżura ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu ta’ tranżizzjoni.

ARTIKOLU 4

Kundizzjonijiet u limitazzjonijiet

1. Il-MERCOSUR jista’ japplika miżuri ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi għall-importazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea:

(a) bħala entità unika, dment li r-rekwiżiti kollha biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta’ dannu kkawżat mill-importazzjonijiet ta’ vettura skont termini preferenzjali jkunu ġew issodisfati, abbażi tal-kundizzjonijiet applikati għall-MERCOSUR; jew

(b) f'isem wieħed jew aktar mill-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR, f'liema każ ir-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet ta' vettura taħt termini preferenzjali għandhom ikunu bbażati fuq il-kundizzjonijiet prevalenti fl-Istat Firmatarju tal-MERCOSUR jew fl-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR rilevanti; u l-miżura għandha tkun limitata għal dak l-Istat Firmatarju tal-MERCOSUR jew għal dawk l-Istati Firmatarji tal-MERCOSUR. L-adozzjoni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi mill-MERCOSUR f'isem Stat Firmatarju wieħed jew aktar tal-MERCOSUR ma għandhiex tipprevjeni lil Stat Firmatarju ieħor tal-MERCOSUR milli wara jadotta miżura fir-rigward tal-istess vettura.

2. L-Unjoni Ewropea tista' tapplika miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi għal importazzjonijiet mill-MERCOSUR bħala entità unika jew minn Stat Firmatarju wieħed jew aktar tal-MERCOSUR jekk id-dannu jkun qed jiġi kkawżat mill-importazzjonijiet ta' vetturi skont termini preferenzjali.

3. F'każ li l-Unjoni Ewropea tiddetermina li miżura għandha tapplika għall-MERCOSUR bħala entità unika, il-Paragwaj għandu jkun eżentat mill-applikazzjoni tal-miżura, sakemm ir-riżultat ta' investigazzjoni ma jurix li l-eżistenza ta' dannu qed tiġi kkawżata wkoll mill-importazzjonijiet ta' vetturi mill-Paragwaj skont termini preferenzjali.

TAQSIMA C

FORMA U DURATA TAL-MIŻURI TA' SALVAGWARDJA BILATERALI GĦAL VETTURI KKLASSIFIKATI TAĦT L-INTESTATURI SA 8703 U 8704

ARTIKOLU 5

Forma ta' miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi

1. Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi adottati skont dan l-Anness għandhom jikkonsistu minn:

(a) sospensjoni temporanja tal-Iskeda tal-Eliminazzjoni tat-Tariffi għall-vettura kkonċernata prevista fl-Anness 10-A; jew

(b) tnaqqis temporanju tal-preferenza tariffarja għall-vettura kkonċernata sabiex ir-rata tad-dazju doganali ma taqbiżx l-inqas waħda minn dawn li ġejjin:

(i) it-tariffa tan-nazzjon l-aktar favorit applikata fuq il-vettura fis-seħħ fil-ħin tat-teħid tal-miżura; u

(ii) ir-rata bażi tad-dazju doganali fuq il-vettura msemmija fl-Anness 10-A.

2. Fil-każ tal-adozzjoni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi msemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu, Parti jenħtieġ li tiżgura li jinżammu l-flussi kummerċjali storiċi li ma jikkawżawx dannu lill-industrija domestika tal-Parti importatriċi. Il-Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi għandha tistabbilixxi kwota ta' importazzjoni għall-prodott ikkonċernat li fih tali prodott ikompli jibbenefika mill-preferenza miftiehma stabbilita skont dan il-Ftehim. Il-kwota tal-importazzjoni ma għandhiex tkun inqas mill-importazzjonijiet medji tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar qabel l-aħħar tnax-il (12) xahar tal-perjodu tal-ġbir tad-data għall-investigazzjoni biex jiġi ddeterminat id-dannu.

ARTIKOLU 6

Marġni ta' preferenza

Mat-terminazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi, il-marġni ta' preferenza għandu jkun dak li jiġi applikat għall-vettura fin-nuqqas tal-miżura skont l-Anness 10-A.

ARTIKOLU 7

Durata tal-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi

Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi għandhom jiġu applikati biss għall-perjodu meħtieġ biex jipprevjenu jew jirrimedjaw id-dannu u biex jiffaċilitaw l-aġġustament tal-industrija domestika. Dak il-perjodu, inkluż il-perjodu ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura proviżorja, ma għandux jaqbeż it-3 (tliet) snin.

ARTIKOLU 8

Estensjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi

1. Il-miżuri ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi jistgħu jiġu estiżi darba għal perjodu massimu ta’ sentejn, jekk ikun ġie ddeterminat, f’konformità mal-proċeduri stabbiliti f’dan l-Anness, li d-dannu x’aktarx li jkompli jew jerġa’ jseħħ jekk il-miżura titneħħa jew tiġi modifikata. Il-miżura estiża ma għandhiex tkun aktar restrittiva milli kienet fi tmiem il-perjodu inizjali.

2. L-ebda miżura ta’ salvagwardja bilaterali għall-vetturi ma għandha terġa’ tiġi applikata għall-importazzjoni ta’ vettura li kienet soġġetta għal tali miżura, sakemm ma jkunx għadda perjodu ta’ żmien ugwali għal nofs id-durata totali tas-salvagwardja bilaterali preċedenti għall-vetturi.

TAQSIMA D

PROĊEDURI TA' INVESTIGAZZJONI U TRASPARENZA

ARTIKOLU 9

Investigazzjoni

1. Fit-twettiq tal-investigazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk iż-żieda fl-importazzjonijiet ikkawżatx dannu lill-industrija domestika tal-vetturi kif imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, l-awtorità investigattiva kompetenti għandha tevalwa l-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom effett fuq is-sitwazzjoni ta' dik l-industrija, b'mod partikolari r-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-vettura kkonċernata f'termini assoluti u relattivi; is-sehem tas-suq domestiku meħud miż-żieda fl-importazzjonijiet; u l-bidliet fl-għadd ta' ħaddiema impjegati, il-kapaċità installata u l-użu tal-kapaċità fl-industrija tal-vetturi, il-bejgħ, inklużi l-prezzijiet, il-produzzjoni, il-produttività, il-profitti u t-telf. Din il-lista ma hijiex waħda eżawrjenti, u lanqas jista' wieħed jew aktar minn dawn il-fatturi neċessarjament jagħti gwida deċisiva.

2. L-awtorità investigattiva kompetenti għandha turi, abbażi ta' evidenza oġġettiva, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-vettura kkonċernata u d-dannu. L-awtorità investigattiva kompetenti għandha tevalwa wkoll il-fatturi kollha magħrufin minbarra l-importazzjonijiet miżjuda skont it-termini preferenzjali ta' dan il-Ftehim li jistgħu fl-istess ħin jikkawżaw dannu lill-industrija domestika. L-effetti ta' żieda fl-importazzjonijiet tal-vetturi kkonċernati minn pajjiżi oħrajn ma għandhomx jiġu attribwiti għall-importazzjonijiet skont termini preferenzjali.

3. Fit-twettiq ta' investigazzjoni dwar id-dannu kif imsemmi fil-paragrafu 1, awtorità investigattiva kompetenti jenħtieġ li tiġbor data fuq perjodu ta' mill-inqas 36 (sitta u tletin) xahar li jintemm qrib id-data tal-preżentazzjoni ta' talba biex tinbeda investigazzjoni kif ikun prattikabbli.

ARTIKOLU 10

Ftuħ ta' investigazzjoni

1. Jekk ikun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li tiġġustifika tali bidu, tista' tinbeda investigazzjoni fuq talba ta':

(a) l-industrija domestika tal-vetturi jew assoċjazzjoni kummerċjali u tan-negozju li taġixxi f'isem l-industrija domestika tal-vetturi ta' vetturi simili jew f'kompetizzjoni diretta fil-Parti importatriċi; jew

(b) Stat Membru importatur wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea jew Stat Firmatarju tal-MERCOSUR wieħed jew aktar.

2. It-talba biex tinbeda investigazzjoni għandu jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u d-deskrizzjoni tal-vettura importata kkonċernata, l-intestatura tariffarja tagħha u t-trattament tariffarju fis-seħħ, kif ukoll l-isem u d-deskrizzjoni tal-vettura simili jew f'kompetizzjoni diretta;

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi jew tal-assoċjazzjoni li jissottomettu t-talba, jekk applikabbli;

(c) jekk disponibbli b'mod raġonevoli, lista tal-produtturi kollha magħrufa ta' vettura simili jew f'kompetizzjoni diretta; u

(d) evidenza li l-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan l-Anness huma ssodisfati.

3. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 2, it-talba biex tinbeda investigazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-volum tal-produzzjoni tal-produtturi li jissottomettu jew li huma rrappreżentati fl-applikazzjoni u stima tal-produzzjoni ta' produtturi magħrufa oħrajn ta' vetturi simili jew f'kompetizzjoni diretta;

(b) ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet totali u bilaterali tal-vetturi kkonċernati f'termini assoluti u relattivi, għal mill-inqas aktar minn 36 (sitta u tletin) xahar qabel id-data tal-preżentazzjoni ta' talba biex tinbeda investigazzjoni, li għaliha hemm informazzjoni disponibbli;

(c) il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjoni matul l-istess perjodu; u

(d) jekk tkun disponibbli l-informazzjoni, data oġġettiva u kwantifikabbli dwar vetturi simili jew f'kompetizzjoni diretta, dwar il-volum tal-produzzjoni totali u tal-bejgħ totali fis-suq intern, l-inventarji, il-prezzijiet għas-suq intern, il-produttività, l-użu tal-kapaċità, l-impjiegi, il-profitti u t-telf, id-data dwar l-investiment li jiġġenera d-dħul, u s-sehem mis-suq tad-ditti rikjedenti jew ta' dawk irrappreżentati fit-talba, għal mill-inqas l-aħħar 36 (sitta u tletin) xahar qabel il-preżentazzjoni tat-talba, li għalihom tkun disponibbli informazzjoni.

ARTIKOLU 11

Informazzjoni kunfidenzjali

L-Artikolu 17.12 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

ARTIKOLU 12

Skeda ta’ żmien għall-investigazzjoni

L-Artikolu 17.13 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

ARTIKOLU 13

Trasparenza

L-Artikolu 17.14 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

TAQSIMA E

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA BILATERALI PROVIŻORJI
GĦAL VETTURI KKLASSIFIKATI TAĦT L-INTESTATURI SA 8703 U 8704

ARTIKOLU 14

Miżuri ta' salvagwardja bilaterali proviżorji għall-vetturi

1. F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli li jiġi rrimedjat, wara notifika xierqa, Parti tista' tieħu miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi proviżorja skont determinazzjoni preliminari li hemm evidenza ċara li l-importazzjonijiet taħt termini preferenzjali żdiedu u li tali importazzjonijiet ikkawżaw dannu. Il-miżura proviżorja ma għandhiex iddum aktar minn 270 (mitejn u sebgħin) jum, li matulhom għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan l-Anness. Jekk id-determinazzjoni finali tikkonkludi li ma kien hemm l-ebda dannu għall-industrija domestika kkawżat minn importazzjonijiet taħt termini preferenzjali, it-tariffa miżjuda jew il-garanzija proviżorja, jekk miġburin jew imposti taħt miżuri proviżorji, għandha tiġi rrimborżata minnufih, f'konformità mar-regolament domestiku tal-Parti rilevanti.

2. Miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-vetturi proviżorja ma għandhiex tittieħed kontra l-Paragwaj, sakemm ir-riżultat tad-determinazzjoni preliminari skont il-paragrafu 1 ma jurix li l-eżistenza ta' dannu qed jiġi kkawżat ukoll mill-importazzjonijiet ta' vetturi mill-Paragwaj taħt termini preferenzjali.

TAQSIMA F

AVVIŻ PUBBLIKU

ARTIKOLU 15

Avviż pubbliku dwar il-bidu ta’ investigazzjoni

L-Artikolu 17.16 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

ARTIKOLU 16

Avviż pubbliku dwar l-applikazzjoni ta’ miżuri bilaterali ta’ salvagwardja għall-vetturi

L-Artikolu 17.17 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

TAQSIMA G

NOTIFIKI U KONSULTAZZJONIJIET

ARTIKOLU 17

Notifiki

L-Artikolu 17.18 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

ARTIKOLU 18

Konsultazzjonijiet

L-Artikolu 17.19 ta’ dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

TAQSIMA H

REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI TAL-UNJONI EWROPEA

ARTIKOLU 19

Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea

L-Artikolu 17.20 ta' dan il-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal dan l-Anness.

_____